# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI ĠENERALI

## MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA LL.D., LL.M (CARDIFF) ADV. TRIB. ECCL. MELIT.

**Illum, il-Ġimgħa, 30 ta' Settembru 2022**

**Rikors Ġuramentat numru: 70/2013 BS**

**Joseph Formosa**

**-vs-**

**Mary sive Miriam Grima, Nicholas Formosa, Victor Formosa, Emanuel Formosa, Gregory Formosa, Michael Formosa u Francis Saviour Formosa;**
**U b'digriet tas-17 ta' Ġunju 2016 il-ġudizzju ġie trasfuż minn Michael Formosa f'isem martu Maria Formosa (detentriċi tal-karta tal-identità numru 15762G, stante l-mewt ta' Michael Formosa fil-mori tal-kawża)**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-rikors ġuramentat tal-attur Joseph Formosa illi ppremetta:**

1. ILLI fid-disgħa u għoxrin (29) ta' A[w]wissu tas-sena 1996 miet Giorgio Formosa, missier il-kontendenti f'din il-kawża, u dan skont ma jirriżulta mill-anness ċertifikat tal-mewt, anness u mmarkat bħala **Dokument JF1**;

2. ILLI fis-sitta (6) ta' Jannar tas-sena 2012 mietet Carmela Formosa, omm il-kontendenti f'din il-kawża u dan skont ma jirriżulta mill-anness ċertifikat tal-mewt, anness u mmarkat bħala **Dokument JF2**;

3. ILLI minn riċerki testmentarji li saru fuq id-defunt Giorgio Formosa jirriżulta li dan miet intestat, riċerki hawn annessi u mmarkati bħala **Dokument JF3** u **Dokument JF4**;

4. ILLI għalhekk skont il-liġi hemm lok għas-suċċessjoni *ab intestat*o liema jedd jispetta lid-dixxendenti tad-defunt u cioe [*sic*] Joseph, Miriam mart Joseph Grima, Victor; Nicholas; Gregory; Emmanuel; Michael u Francis Xavier, ilkoll aħwa Formosa;

5. ILLI minn riċerki testmentarji li saru fuq id-defunta Carmela Formosa, hawn annessi u mmarkati bħala **Dokument JF5** u **Dokument JF6**, jirriżulta li għalkemm din ma għamlet ebda testment sigriet, b'testment tal-għoxrin (20) ta' Marzu tas-sena 1997 li sar fl-atti tan-Nutar Dottor Paul George Pisani, hawn anness u mmarkat bħala **Dokument JF7**, permezz ta' liema hija ħalliet b'titolu ta' prelegat a favur ta' Francis Xavier Formosa, bid-dritt tas-sostituzzjoni volgari tar-rispettivi eventwali uliedu f'kas [*sic*] ta' premorienza għat-testatriċi, d-dar[*sic*] tar-residenza tagħha numru tlieta u tletin (33) fi Triq Sarg, Kerċem, Għawdex bi tlett [*sic*] (3) bibien oħra bla numru, bil-mandra annessa, bl-oġġetti mobbli kollha fiha kontenuti a *limine intus*, esklużi biss flus in moneta kontanti u oġġetti tad-deheb, fidda u ħaġar prezzjuż, u ddikjarat li għalkemm jista['] jkun hemm xi parti

mill-oġġetti mobbli kontenuti fl-imsemmija dar tar-residenza li jiffurmaw parti mill-kommunjoni tal-akkwisti ġia esistenti bejnha u bejn il-mejjet żewġha, hija xorta waħda riedet u ordnat li dan il-prelegat jiġi konsegwit fl-interezza kollha tiegħu mill-prelegatarju minnha imsemmi;

6. ILLI oltre dan il-prelegat, [i]d-defunta Carmela Formosa nnominat u istitwixxiet bħala eredi universali tal-beni tagħha kollha mobbli u immobili preżenti u futuri lit-tmien (8) uliedha u cioe [*sic*] Joseph, Miriam mart Joseph Grima, Victor; Nicholas; Gregory; Emmanuel; Michael u Francis Xavier, aħwa Formosa, fi kwoti ugwali u indiviżi bejniethom u bid-dritt tas-sostituzzjoni għat-testatriċi u bid-dritt ta' akkrexximent bejniethom fin-nuqqas;

7. ILLI l-attur ma jixtieqx jibqa' aktar fi stat ta' komunjoni mal-konvenuti in kwantu għall-assi tal-mejtin Giorgio u Carmela konjugi Formosa.

**Talab għalhekk lil din l-Onorabbli Qorti:**

1. Tillikwida l-Komunjoni ta' [*sic*] l-akkwisti ġia eżistenti bejn il-miżżewġin Giorgio u Carmela Formosa billi tiġi ddikjarata li tikkonsisti f'dawk il-beni u assi li jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża billi taqsamhom fi tmien (8) porzjonijiet ugwali b'dana sabiex jiġu assenjati lil kull wieħed u waħda mill-partijiet;

2. Tillikwida l-assi partikolari tal-konjuġi Formosa u taqsam dawk l-assi li hekk jirriżultaw mit-trattazzjoni tal-kawża billi taqsamhom fi tmien (8) porzjonijiet ugwali b'dana sabiex jiġu assenjati lil kull wieħed u waħda mill-partijiet;

3. Tordna l-bejgħ b'liċitazzjoni ta' [*sic*] l-immobli li jirriżultaw li m'humiex komodament diviżibbli, jekk dan ikun neċċessarji [*sic*] u opportun għall-istess diviżjoni;

4. Tinnomina nutar biex jippubblika l-att ta' diviżjoni, u kuratur biex jirrapreżenta l-eventwali kontumaċi fuq l-istess att;

5. Tordna l-immissjoni fil-pussess tal-prelegat li ġie mħolli minn Carmela Formosa permezz tat-[*sic*] b'testment tal-għoxrin (20) ta' Marzu tas-sena 1997 li sar fl-atti tan Nutar Dottor Paul George Pisani a favur ta' Francis Xavier Formosa, u d-dar tar-residenza tagħha numru tlieta u tletin (33) fi Triq Sarġ, Kerċem, Għawdex bi tlett [*sic*] (3) bibien oħra bla numru, bil-mandra annessa, bl-oġġetti mobbli kollha bl-oġġetti fiha kontenuti *a limine intus*, esklużi biss flus in moneta kontanti u oġġetti tad-deheb, fidda u ħaġar prezzjuż;

6. Tinnomina Nutar sabiex jippubblika l-att relattiv ta' immissjoni fil-pussess u kuratur sabiex jidher għall-eventwali kontumaċi.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti li huma minn issa nġunti [*sic*] għas-subizzjoni.

**Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuti Mary sive Miriam Grima, Nicholas Formosa, Emanuel Formosa, Gregory Formosa, Michael Formosa u Francis Saviour Formosa illi eċċepew:**

1. ILLI fl-ewwel lok huma ma jsibu l-ebda oġġezzjoni illi tiġi likwidata l komunjoni ta' [*sic*] l-akkwisti gia eżistenti bejn il-miżżewġin Giorgio u Carmela Formosa b'dan illi:

a. Fl-ewwel lok għandhom jiġu identifikati l-attiv u l-passiv tal-ereditajiet mertu ta' din il-kawża. In partikolari, irid jittieħed in kunsiderazzjoni l-fatt li l-konvenut Francis Saviour Formosa irid [*sic*] jiġi assenjat il-valur tal-propjetà bin-numru 33, Triq Sarġ, Kerċem, Għawdex u dan fit-termini tal-artikolu 702(2) tal-Kap. 16. Din il-propjetà kienet tħalliet bħala legat lill-istess konvenut iżda huwa kien akkwista din l-istess proprjetà permezz ta' titolu oneruż in forza ta' kuntratt tad-disgħa (9) ta' Lulju tas-sena elfejn u tlieta (2003) in atti tan-Nutar Dottor Kristen Dimech li qiegħed jiġi hawn anness bħala Dok. A;

b. Fit-tieni lok għandhom jiġu likwidati l-porzjonijiet rispettivi tal-konjuġi Formosa ġenituri tal-kontendenti provenjenti mill-wirtijiet u suċċessjonijiet partikolari tal-istess ġenituri tal-kontentendi u anke okkorrendo tal-istess ġenituri tagħhom u dan bl-intiża li tiġi stabbilita l-kwota spettanti lil kull wieħed mill-kontendenti f'din il-kawża. Tali likwidazzjoni però ma tistax issir qabel tiġi risolta b'mod finali l-kontestazzjoni emanenti mill-kawża quddiem din l-Onorabbli Qorti kif diversament preseduta fl-ismijiet Gauci Rita et vs Formosa Gregory et (Rik. Ġur. 96/2011) li tittratta il-wirt u suċċessjoni ta' Francesco Formosa li huwa z-ziju patern tal-missier l-kontentendi fil-kawża, f'liema kawża l-kontendenti huma lkoll atturi. Għal kull buon fini qiegħed jiġi anness arblu ġeneaologiku tal-kontendenti f'din il-kawża, liema arblu qiegħed jiġi anness u markat bħala "Dokument B";

c. Illi jsiru r-ricerki kollha neċessarji fuq il-partijiet kollha involuti sabiex jiġu stabbiliti l-porzjonijiet kollha b'ċertezza u tiġi stabbilita wkoll il-provenjenza tal-assi

kollha in diviżjoni kif wkoll li jiġu stmati l-istess assi in diviżjoni biex jiġi stabbilit il-valur tagħhom okkorrendo ad opera ta' perit tekniku nominat għal tali fini minn din l-Onorabbli Qorti.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri fil-fatt u fid-dritt.

B'referenza għal kull paragrafu tar-rikors ġuramentat, l-esponenti għandhom is segwenti x'jirrilevaw:

i. Illi l-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba' u s-sitt paragrafi tar-rikors ġuramentat mhumiex qed jiġu kkontestati;

ii. Illi fir-rigward tal-ħames paragrafu dan qiegħed jiġi kkonfermat b'żieda iżda illi l-istess testatriċi omm il-kontendenti Carmela Formosa eventwalment ittrasferiet id-dar imsemmija lil Francis Xavier Formosa permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Kristen Dimech tad-9 ta' Lulju, 2003 b'dan iżda li t-testament tagħha tal-20 ta' Marzu, 1997 ma ġiex varjat.

**Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut Victor Formosa illi eċċepixxa:**

1. ILLI fl-ewwel lok ai termini tal-Artikolu 158 tal-Kap. 12 il-konvenut Victor Formosa qiegħed jiddikjara illi huma ma jikkontestax il-fatti ddikjarati fil-premessi kollha tar-Rikors Ġuramentat;

2. ILLI preliminarjament jonqos illi jiġu pprezentati d-dikjarazzjonijiet ta' trasferiment *causa mortis* relattivi;

3. ILLI l-konvenut qatt ma oppona għad-diviżjoni;

4. ILLI in oltre mingħajr preġudizzju għal dak kollu hawn fuq suespost l-esponenti mhux qed jopponi ruħu għad-diviżjoni kif mitluba purché li l-ewwel jiġu verifikati l-kwoti rispettivi tal-partijiet, il-konsistenza tal-assi bit-trasferimenti li setgħu saru u li jitħallsu d-djun tal-ereditajiet li hemm ghad-diviżjoni.

Salv eċċezzjonijiet oħra fil-fatt u fid-dritt.

**Il-Qorti;**

Fliet l-atti;

Rat it-testment ta' Carmela Formosa tal-20 ta' Marzu, 1997;[1]

Rat il-kuntratt *datio in solutum* li sar bejn Carmela Formosa u Francis Formosa fid-9 ta' Lulju, 2003;[2]

Rat il-lista tal-attiv u l-passiv tal-konjuġi Formosa ppreżentata mill-attur fl-24 ta' Jannar, 2014[3] bid-dokumenti annessi inkluż id-dikjarazzjonijiet *causa mortis* tal-wirt tal-ġenituri tal-kontendenti Giorgio Formosa[4] u Carmela Formosa;[5]

Rat in-nota tal-attur tal-10 ta' April 2014 li permezz tagħha ppreżenta r-riċerki relattivi għall-każ;[6]

Rat ir-rikors tal-attur tad-9 ta' Lulju 2014 fejn huwa ddikjara li huwa kien diġà ppreżenta r-riċerki kollha relattivi għall-kawża odjerna kif ukoll il-lista tal-proprjetajiet li skont huwa għandhom ikunu inklużi fil-kawża odjerna;[7]

---

[1] A fol 14 tal-proċess.
[2] A fol 29 tal-proċess.
[3] A fol 54 tal-proċess.
[4] A fol 65 tal-proċess.
[5] A fol 95 tal-proċess.
[6] A fol 101 tal-proċess.
[7] A fol 134 tal-proċess.

Rat ir-risposta għall-istess rikors tal-1 ta' Awwissu 2014 tal-konvenuti kollha għajr Victor Formosa;[8]

Rat id-digriet tagħha kif diversament presjeduta mogħti nhar is-6 ta' Awwissu 2014 fejn ċaħdet ir-rikors tal-attur tad-9 ta Lulju 2014, ikkonfermat verbal tagħha tas-27 ta' Ġunju 2014 u imponiet terminu għal dan il-għan bl-intiża li jekk ma jsir xejn fit-terminu jiġi meqjus li l-attur qed jistrieħ fuq id-dokumenti diġà ppreżentati minnu;[9]

Rat in-nota tal-attur tas-17 ta' Ottubru, 2014 li permezz tagħha ddikjara li l-lista tal-proprjetajiet li jiffurmaw il-massa li għandha tiġi likwidata u diviża ġa ġiet ppreżentata u li ma għandux xi jżid magħha;[10]

Rat il-verbal tal-21 ta' Novembru, 2014 fejn intalbet in nomina ta' perit tekniku sabiex jivvaluta l-proprjetajiet indikati f'din il-kawża bħala dawk li għandhom jinqasmu bejn il-kontendenti u li l-konvenuti ntrabtu li jressqu nota rigward proprjetà hemm inkluża li kienet suġġetta għall-proċeduri indipendenti [Rik. Ġur. Nru. 96/2011];[11]

Rat in-nota tal-konvenuti tas-6 ta' Jannar, 2015[12] kif ukoll id-digriet tagħha kif diversament presjeduta tad-9 ta' Jannar 2015;[13]

Rat in-nota ulterjuri tal-konvenuti tal-21 ta' Jannar, 2015;[14]

---

[8] A fol 151 tal-proċess.
[9] A fol 155 tal-proċess.
[10] A fol 159 tal-proċess.
[11] A fol 174 tal-proċess.
[12] A fol 176 tal-proċess.
[13] A fol 179 tal-proċess.
[14] A fol 185 tal-proċess.

Rat il-verbal tagħha kif diversament presjeduta tal-10 ta' April 2015 fejn ġie nominat il-Perit Joseph Stellini sabiex jagħmel valutazzjoni tal-proprjetajiet kollha indikati fin-nota tal-attur a fol 54 sa 58 tal-proċess;[15]

Rat illi bil-verbal tagħha kif diversament presjeduta tat-13 ta' Novembru 2015 l-Perit Stellini ġie sostiwit bil-Perit Joseph Grech;[16]

Rat ir-rikors ulterjuri tal-attur tat-23 ta' Diċembru 2015 li bih talab sabiex l-inkarigu tal-perit nominat jiġi limitat għall-assi indikati fl-istess rikors, ossia l-assi li kienu proprjetà fl-intier tagħhom tal-ġenituri tiegħu Giorgio u Carmela Formosa.[17] Rat ukoll li b'risposta għal dan ir-rikors l-konvenuti kollha esklużż Victor Formosa opponew li għandu jiġi hekk limitat l-inkarigu tal-perit.[18] Victor Formosa qabel ma tali limitazzjoni;[19]

Rat id-digriet tagħha kif diversament preseduta tal-20 ta' Jannar 2016 fejn laqgħet it-talba tal-attur għat-tnaqqis fil-proprejtajiet li għandhom jiġu kkunsidrati f'dawn il-proċeduri;[20]

Rat ir-rikors tal-attur Victor Formosa tas-16 ta' Marzu, 2016 fejn talab li tiżdied xi raba' fil-lista ta' proprjetà li għandha tiġi kkunsidrata;[21]

Rat ir-rapport tal-Perit Tekniku ppreżentat fil-15 ta' Marzu, 2016;[22]

[15] A fol 187 tal-proċess.
[16] A fol 198 tal-proċess.
[17] A fol 202 tal-proċess.
[18] A fol 210 tal-proċess.
[19] A fol 209 tal-proċess.
[20] A fol 213 tal-proċess.
[21] A fol 218 tal-proċess.
[22] A fol 228 tal-proċess.

Rat ir-risposta tat-30 ta' Marzu 2016 tal-konvenuti kollha, esklużVictor Formosa, għar-rikros tal-konvenut Victor Formosa tas-16 ta' Marzu 2016,[23] ir-replika ta' Victor Formosa għal din ir-risposta[24] u r-risposta tal-attur tal-15 ta' April 2016;[25]

Rat li fis-seduta tas-17 ta' Ġunju, 2016 il-Qorti ordnat il-leġitimazzjoni tal-atti minn isem il-konvenut Michael Formosa għal isem martu Maria Formosa;[26]

Rat li fl-istess seduta l-attur irtira l-ħames u s-sitt talbiet tiegħu;

Rat li fis-seduta tad-19 ta' Mejju, 2017, l-attur iddikjara li ma għadx fadallu aktar provi;[27]

Rat li fis-seduta tad-9 ta' Marzu, 2018 il-konvenuti kollha esklużVictor Formosa ddikjaraw li ma għandhomx aktar provi xi jressqu għajr il-kontroeżamijiet;[28]

Rat in-nota tal-attur tas-6 ta' Marzu, 2019 fejn elenka proprjetajiet oħra li skont huwa kellhom jiġu kkunsidrati minn din il-Qorti billi ddikjara li l-perit għandu jaċċedi għalihom u jirrelata dwarhom;[29]

Rat in-nota tal-konvenuti tas-27 ta' Marzu, 2019 li biha rrispondew għal dik tal-attur tas-6 ta' Marzu 2019;[30]

Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta' April, 2019;[31]

---

[23] A fol 245 tal-proċess.
[24] A fol 249 tal-proċess.
[25] A fol 250 tal-proċess.
[26] A fol 266 tal-proċess.
[27] A fol 394 tal-proċess.
[28] A fol 553 tal-proċess.
[29] A fol 697 tal-proċess.
[30] A fol 715 tal-proċess.
[31] A fol 719 tal-proċess.

Rat in-nota tal-attur tas-26 ta' April, 2019 fejn insista fuq dak dikjarat fin-nota tiegħu tas-6 ta' Marzu 2019;[32]

Rat il-verbal tal-4 ta' Diċembru 2019 fejn ordnat lill-attur sabiex sad-differiment ta' wara jġib id-dokumenti kollha fil-pussess tiegħu sabiex jipprova din il-pretensjoni;

Rat in-nota tal-attur tas-7 ta Frar, 2020;[33]

Rat id-digriet tagħha tal-11 ta' Frar 2020[34] u kkunsidrat it-trattazzjonijiet li segwew;

Semgħet it-trattazzjoni li saret fit-22 ta' Jannar, 2021;

Rat id-digriet tagħha tad-19 ta' April, 2021 fejn caħdet it-talba tal-attur;[35]

Rat ir-rikors tal-attur tal-10 ta' Ġunju 2021[36] fejn talab ir-revoka *contrario imperio* tad-digriet tad-19 ta' April 2021 u l-atti li segwew inkluż ir-risposti tal-konvenuti;[37]

Rat id-digriet tagħha tal-11 ta' Novembru 2021[38] li bih caħdet ir-rikors tal-attur tal-10 ta' Ġunju 2021;

Rat il-verbal tas-seduta tal-10 ta Dicembru, 2021 fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum;[39]

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inkluż id-dokumenti u verbali kif ukoll it-traskrizzjonijiet tax-xhieda kollha;

---

[32] A fol 720 tal-proċess.
[33] A fol 739 tal-proċess.
[34] A fol 741 tal-proċess.
[35] A fol 749 tal-proċess.
[36] A fol 761 tal-proċess.
[37] A fol 755 u 758 tal-proċess.
[38] A fol 762 tal-proċess.
[39] A fol 763 tal-proċess.

**Ikkunsidrat:**

**i) Preliminari**

Permezz ta' din il-kawża l-attur Joseph Formosa jgħid li missieru miet intestat fid-29 ta' Awwissu 1996 u għalhekk wirtuh *ab intestato* wliedu l-kontendenti f'din il-kawża.

Jgħid li ommu Carmela Formosa mietet fis-6 ta' Jannar, 2012. Hija kienet għamlet testament fl-20 ta' Marzu, 1997. Permezz ta' dan it-testment hija ħalliet bi prelegat favur binha Francis Xavier Formosa d-dar residenzjali tagħha bin-numru 33, u tliet (3) bibien oħra mingħajr numru, fi Triq Sarġ, Ta' Kerċem, bil-mandra u l-mobbli inklużi iżda bl-esklużjoni tal-flus, deheb, fidda u ħaġar prezzjuż. Apparti dan, ħalliet lil uliedha kollha bħala werrieta tagħha. Carmela Formosa ddikjarat ukoll li hija kienet konsapevoli mill-fatt li fid-dar imħollija bi prelegat seta' kien hemm parti mill-oġġetti mobbli li kienu jifformaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti iżda riedet li dan il-prelegat jiġi konsegwit kollu kemm hu.

Jgħid li huwa ma jridx jibqa' fi stat ta' komunjoni u għalhekk qed jitlob li tiġi likwidata l-komunjoni tal-akkwisti ġa eżistenti bejn il-miżżewġin ġenituri tiegħu Giorgio u Carmela Formosa u tiġi maqsuma fi tmien (8) porzjonijiet ugwali sabiex jiġu assenjati lil kull wieħed u waħda mill-partijiet.

Qed jitlob ukoll li jiġu likwidati l-assi partikolari tal-konjuġi Formosa u li dawk l-assi wkoll jinqasmu fi tmien (8) porzjonijiet ugwali sabiex kull parti fil-kawża tieħu sehemha. Dawk l-assi li ma humiex komodament diviżibbli, l-attur jitlob li jkun hemm il-bejgħ tagħhom bil-liċitazzjoni. Jitlob ukoll li l-Qorti tordna l-immissjoni fil-pussess tal-prelegat li ġie mħolli minn ommu a favur ta' Francis Xavier Formosa.

Il-konvenuti kollha eskluż Victor Formosa fir-risposta ġuramentata tagħhom[40] jilqgħu għat-talbiet tal-attur billi fl-ewwel lok jgħidu li huma ma humiex qed jopponu għat-talba għal likwidazzjoni u diviżjoni tal-assi tal-ġenituri tagħhom. Jgħidu li l-konvenut Francis Xavier għandu jiġi assenjat il-valur tal-legat imħolli lilu stante li dan kien akkwista b'titolu oneruż l-istess legat mingħand ommu. Jinsistu li l-likwidazzjoni ma tistax isseħħ qabel ma tiġi riżolta l-kontestazzjoni fl-ismijiet Rita Gauci et vs Gregory Formosa liema kawża titratta l-wirt taz-ziju patern ta' missier il-partijiet fil-kawża odjerna.

Il-konvenut Victor Formosa fir-risposta ġuramentata tiegħu jgħid li jonqos li jiġu ppreżentati d-dikjarazzjonijiet ta' trasferiment *causa mortis* iżda apparti dan jgħid biss li huwa qatt ma' oppona għad-divizjoni purché l-ewwel jiġu vverifikati l-konsistenza tal-assi u l-kwoti tal-partijiet u jitħallas kwalunkwe dejn.

**ii) Provi**

**Xhieda**

L-**attur Joseph Formosa** xehed permezz ta' affidavit.[41] Jgħid li huwa kien jgħin lil missieru fl-għelieqi. Jgħid li kien jgħin ukoll liz-zijiet tiegħu u dan mingħajr ħlas. Jgħid li wara li telaq mid-dar għax iżżewweġ, kien baqa' jmur fl-għelieqi ta' missieru għall-kaċċa u l-insib.

Rigward ir-raba' tan-nannu patern jgħid li meta miet dan ir-raba' nqasam u missieru messu parti minnu. Jgħid li missieru iżda ma riedx jaqsam ir-raba' f'ħajtu u meta miet intestat ħuh Gregory Formosa kkapparra kollox. Isemmi li ħutu oħrajn u xi wħud

[40] A fol 26 tal-proċess.
[41] A fol 163 tal-proċess.

minn uliedhom ukoll ikkapparraw xi biċċiet mir-raba' u xi proprjetà tal-ġenituri tiegħu.

Itenni li kien imġiegħel jiffirma karta li skont hu serviet biex ommu u ħutu ħadu l-flus kollha li kienu minn ta' missieru fil-bank.

Jinsisti li mill-*causa mortis* ta' missieru jidher ċar li missieru kellu wieħed minn disgħa (1/9) minn dak kollu li kellu missieru, jiġifieri n-nannu patern tal-partijiet fil-kawża.

Referibbilment għall-qsim tad-deheb, jgħid li darba ommu tatu katina u lira iżda li diversament minn tali qsim, l-artijiet, qbiela u mhux, ma nqasmu qatt.

Jgħid li d-dar li ħuh xtara mingħand ommu u li hija ħalliet bi prelegat fit-testment tagħha lil dan l-istess binha, xtraha għas-somma ta' għoxrin elf liri Maltin (Lm20,000) iżda din tiswa ferm aktar u li huwa jippretendi dan il-prezz flimkien ma' flejjes oħra għandu jinqasam bejn l-aħwa. Jikkonferma li din id-dar kienet ta' ommhom għax kienu tawhiela ommha u ħutha. Jgħid li x-xiri u bejgħ ta' din id-dar bejn ommu u ħuh sar minn wara dahru.

Jgħid li ħutu ma jinteressahomx li jsir il-qsiem għaliex huma komdi b'dak li kkapparraw.

Jikkonferma li l-proprjetà li għandha tinqasam b'din il-kawża hija dik elenkata fin-nota ġuramentata tiegħu[42] li skontu turi l-proprjetà kollha li hemm fil-wirt u li għandha ssir il-qasma tagħha. Jerġa' jannetti l-istess nota mal-affidavit tiegħu.[43]

L-attur ta' xhieda ulterjuri *viva voce* nhar il-21 ta' Ottubru 2016.[44] Rigward il-*borehole* fi Sqaq Xirfi, Santa Luċija, Ta' Kerċem jgħid li

[42] A fol 54 tal-proċess.
[43] A fol 169 tal-proċess.
[44] A fol 294 tal-proċess.

din saret minn missieru u li kienet illegali. Jgħid li ġiet irreġistrata fl-1997 meta l-Gvern kien ta ċ-ċans lil kull min kien ħaffer *borehole* illegali sabiex jirreġistraha. Jikkonferma li l-art li fiha din il-*borehole* kien ħadha b'kera n-nannu patern fl-1956. Meta miet dan in-nannu nqasmet bejn missieru, Saver Grech u biċċa oħra baqgħet għand iz-zijiet tiegħu. Jgħid li din il-qasma saret biss bil-fomm u wara dan, l-għalqa li fiha l-*borehole* dejjem baqgħet tinħadem minn missierhom u wara minnhom l-aħwa kontendenti f'din il-kawża lkoll flimkien, inkluż hu sakemm darba ħuh Michael waqfu milli jidħol fiha.

Jikkonferma li r-raba' bi qbiela huwa dak li huwa elenka fid-dokument a fol 57 tal-proċess.

Rigward il-flus li kien hemm fil-bank jgħid li ommu riditu jiffirmalha sabiex jinġabru mill-bank u huwa rrifjuta. Jafferma li b'riżultat ta' dan ommu spiċċat trid tgħix bil-pensjoni biss.[45] Jgħid ukoll li ġaladarba ommu riditu jiffirmalha huwa kkonkluda li missieru kellu flus il-bank. Jgħid ukoll li kienu jinżammu xi flus fis-saqqu u li dawn kienu tal-ġenituri tiegħu u għalhekk setgħu jagħmlu bihom li jridu.

Rigward l-insib jgħid li sakemm twaqqaf dan id-delizzju huwa kien għadu jmur jonsob. Jgħid li f'Ottubru 1996, wara li kien diġà miet missieru f'Awwissu tal-istess sena 1996, malli fetaħ l-istaġun tal-kaċċa huwa mar sabiex jonsob fl-għelieqi li skontu huma miżmuma minnu u minn ħutu indiviżament. Kien hawnhekk li rrealizza li ħutu ma riduhx hemmhekk.

In **kontroeżami** jgħid[46] li l-kawża għamillha minħabba il-wirt ta' ommu u missieru. Rigward il-*borehole* jgħid li l-proprjetà 12, 13 Sqaq Xirfi kienet ta' Nikola u Kelina Formosa, nanniet paterni tiegħu. Nikola miet intestat. Kelina għamlet testment. Rigward

[45] A fol 316 tal-proċess.
[46] A fol 306 tal-proċess.

it-talba li għamlet ommu sabiex jiffirma xi karta jgħid li din kienet tirrigwarda flus ta' missieru li kienu fil-banek u li ma setgħetx tiġbed għax miet intestat. Jikkonferma li ma ffirma ebda karta għax deherlu li ħutu u ommu ma kellhomx għalfejn jiġġieldu miegħu u minkejja li ommu kienet tgħid li riedet tużahom għalija. Jikkonferma li ma jafx ma liema banek kienu jaħdmu ommu u missieru. Jikkonferma li wara li miet missieru ommu kienet tiddependi unikament fuq il-pensjoni. Jgħid li missieru kien stqarr miegħu li l-paga u l-pensjoni jmorru għand ommu mentri flus ġejjin mir-raba', bħal dawk li jiġu minn bejgħ ta' għasafar lil xi *petshop,* kien iżommhom missieru. Jgħid li ma jafx fejn marru dawn il-flejjes.

Jikkonferma li sa qabel twaqqaf l-insib huwa kien imur jonsob flimkien ma' ħuh Nicholas Formosa. Dan ġara anke wara d-darba li semma qabel fejn ħass li ħutu ma riduhx hemm. Jgħid li kien hemm żmien fejn l-affarijiet kienu tranġaw ftit.

Jgħid li ommu u missieru kienu jżommu l-flus id-dar. Jgħid li qabel miet missieru ma kienx jaf hemmx flus f'xi bank jew humiex id-dar biss. Però ladarba ommu riditu jiffirma karta wara li missieru miet intestat is-sens komun qallu li hemm xi flus f'xi bank. Jgħid li huwa ċert li flus id-dar kien hemm u dawn kienu ġos-saqqu. Jgħid li dan rah b'għajnejh. Jgħid li s-sodda li kien jorqod fuqha hu għand ommu kienet qrib dik ta' ommu u darba, waqt li kien mindud fiha, ra lil ommu tgħodd il-flus. Jgħid li dak iż-żmien kien hemm l-għoxrin lira Maltin (Lm20) ta' Agatha Barbara u huwa ra rombli kannella f'fetħa f'nofs is-saqqu. Dan kien fiż-żmien meta kien għadu ħaj missieru. Jgħid li ma jafx x'sar mill-flus. Jgħid li meta ra dan kienu ghadhom ħajjin il-ġenituri tiegħu u setgħu għamlu bil-flus dak li riedu.

L-attur xehed ulterjorment nhar l-20 ta' Jannar 2017.[47] Jiddikjara li fix-xhieda mogħtija qabel kien qed jitkellem fuq xi antenati li

[47] A fol 341 tal-proċess.

sejħilhom "sħab fl-arja". Jgħid li l-antenati huma Nikola u Kelina Formosa. Jgħid li kellu kuntatt ma' oħt ċertu Joseph Grech, Rita, mill-Awstralja, li jiġu kuġini tiegħu. Jgħid li Rita kienet ċemplitlu sabiex tara kif ser jagħmlu fuq iċ-ċwievet tad-djar li kienu tan-nanniet tagħhom Nikola u Kelina. Jgħid li kif din inudnat li fetaħ il-kawża preżenti qatgħet il-kuntatt.

Ikompli li huwa sakemm kien ħaj missieru r-raba' dejjem kellu aċċess għalih. Id-diffikultajiet bdew wara li miet missieru u malli mietet ommu saru agħar. Jgħid li r-raba' ddikjarat fil-kawża huwa tagħhom, il-kontendenti f'din il-kawża, u ħadd mill-familljari tagħhom. Jgħid li r-raba' li għandhom minn ta' ommu huwa frank. Jgħid li l-Perit kejjel ir-raba' ta' missieru u ommu. Jgħid ukoll li hemm biċċtejn art "It-Tafal" u biċċa "Tax-Xifer" li ilhom hemm 'il fuq minn tletin (30) sena kif iddakjara ħuh Victor Formosa. Jgħid li s-saqqu li semma qabel kien milli tagħmel ommu stress, jimlewh bit-tiben. Jgħid li dan is-saqqu kien jinfetaħ minn *slot* ġon-nofs tiegħu.

Jikkonferma li l-ereditŕ ta' Kelina u Nikola Formosa mhux parti minn din l-istanza u mhux jagħmel talbiet fuqha f'din l-istanza iżda jirreżerva d-drittijiet tiegħu dwar l-istess. Jiddikjara wkoll li huwa m'għandux x'jaqsam ma qsim ta' djar.

L-attur **reġa' xehed fis-seduta tas-19 ta' Mejju, 2017**.[48] Itenni li huwa żżewweġ fl-1977. Jgħid li xahrejn fis-sena kien jagħmillhom Għawdex biex jistrieħ u jmur għall-kaċċa u kien imur jgħin lil missieru.

Għal darb'oħra **in kontroeżami**,[49] jgħid li jaqbel li din hija kawża ta' divizjoni ta' proprjetŕ ġejja mill-wirt tal-ġenituri tal-kontendenti. Jgħid li ma jaqbilx li fil-qasma jrid biss jidħol dak li ġie għand il-ġenituri tiegħu fiż-żwieġ tagħhom iżda hemm ukoll

[48] A fol 391 tal-proċess.
[49] A fol 602 tal-proċess.

proprjetajiet ġejjin mill-familljari ta' missieru u mill-familljari ta' ommu, li huma franki, kif ukoll proprjetajiet qbiela.

Jgħid li biddel fehmtu fuq dak li ddikjara fin-nota fejn niżżel tmien [sic][50] biċċiet art għad-diviżjoni. Jgħid li rigward propjetajiet oħra li minnhom jista' jkollu sehem bħala eredi ta' missieru u fejn jidħlu l-kuġini tiegħu Joseph Grech u oħtu Rita huwa ma jinteressahx. Jgħid li dawn qegħdin Sqaq Xirfi u fihom joqgħod Nikola Formosa u jgħid li dan huwa *squatter*. Jgħid li ħutu kollha huma *squatters* u dan għax huma biss għandhom ċwievet t'hemm u la hu u anqas il-kuġini m'għandhom. Jgħid li qed jitkellem fuq id-djar li semma fil-lista a fol 57 tal-proċess, ossia lok ta' djar numru 11, 12, 13 li jinsabu fi Sqaq Xirfi , Santa Luċija, Ta' Kerċem u li dawn ma għadx baqagħlu interess fihom. Jgħid li għandu jinqasam ir-raba'.

Jinsisti li r-raba' kollu li ġej min-naħa ta' ommu f'Taċ-Ċnus u dak li ħuh jgħid li kitiblu Gregorio Azzopardi għandu jinqasam. Bħal jallega li fil-prattika diġà maqsum għax kull minn jitħalla jidħol, jidhol f'sehem. Jammetti huwa stess li hemm diversi terzi persuni involuti. Isemmi lil Karmenu Bugeja u Massiminu Bugeja li jgħid li mietu intestati.

Jgħid li meta żżewweġ kulma ħa mid-dar ta' ommu kien is-senter u t-*type writer* għax kienu tiegħu.

Jikkonferma li missieru kien impjegat mal-Gvern u li meta miet kien ilu tmintax(18)-il sena rtirat matul liema kien jaħdem ir-raba'. Jgħid li ommu kienet mara tad-dar u sa fejn jaf hu qatt ma ħadmet.

Rigward ir-raba' tat-tadam jaċċetta li dan kien jinħadem minn ħutu Francis Xavier, Michael, Gregory, Nicholas, u Emanuel. Jgħid li ma kienx imur jaħdem magħhom għax keċċewh. Jaċċetta

[50] Fil-fatt kienu 7 li tniżżlu.

li s-sussidju kienu jeħduh ħutu li semma għax huma kienu jaħdmu l-għelieqi.

Rigward ir-raba' tan-nannu ta' missieru li jsemmi fl-affidavit li jgħid li kien mogħti parti liz-zijiet tiegħu u parti lil missieru, jgħid li hawn kien qed jirreferi għar-raba' "tax-Xlendi" u "tat-Tafal" li kien ħa Franġisku Formosa u r-raba' "taċ-Ċnus" u "ta' Berrini" li kien ħa Saver Grech. Jgħid li dawn ma humiex imniżżlin għall-qasma.

Jaċċetta li l-biċċa l-kbira mir-raba' kien bi qbiela għand missieru. Jgħid li hu kien jaħdem ma' missieru l-ġurnata kollha fis-snin 1967 sa 1969 meta kien għadu form 5. Jgħid li fl-1981 missieru kien għadu ħaj u lilu qatt ma kellmu rigward il-qsim jew trasferiment tar-raba'. Jgħid li lilu ħadd ma kellmu rigward il-fatt li r-raba' nqaleb fuq ħutu Gregory u Manwel. Jgħid li meta miet misseru huwa mar f'uffiċċju x-Xewkija jara x'raba' kellu fuq ismu u ma sab xejn. Qal li dan ikkonfermah tul dawn il-proċeduri bix-xhieda li sema'.

Jikkonferma li meta ommu riditu jiffirmalha għall-flus huwa ma ffirmax. Jgħid li ma rax għalfejn kellu jiffirmalha li ma kienx jaf x'ser tagħmel bil-flus. Jgħid li lil ħuh Victor bagħtuh jiffirma għand in-Nutar Pisani iżda lilu le u kif irnexxilhom jieħdu l-flus ma jafx.

Rigward il-proprjetà li issa qiegħda għand ħuh Francis Saviour jgħid li l-kuntratt li bih akkwista l-istess ma jgħidx li ommhom għaddietha lilu bħala ħlas ta dak kollu li għamel magħha matul ħajjitha imma li ommu biegħet l-istess dar lill Francis Xavier għal għoxrin elf liri Maltin (Lm20,000). Jgħid li ommu lilu qatt ma qaltlu li hija kienet interessata tbiegħ id-dar u qatt ma qaltlu ejja hu ħsiebi.

Fuq is-saqqu tal-pespus jgħid li l-flejjes li skontu kienu ġo fih ġew mill-biedja. Jgħid li kien hemm ċirku rombli ta' flus wiesa' daqs il-leġiju li qed jixhed fuqu u għoli xiber u kienu karti kannella. Din id-darba ma ftakarx kienx wiċċ Agatha Barbara fuqhom. Jaqbel li ommu kellha biss il-pensjoni tar-romol u missieru dik tal-irtirar u li jdaħħal mir-raba' li jaħdmu. Jgħid li għamlu flejjes kbar kif jista' jixhed ħuh Victor għax hu kien iġibilhom il-vawċers tal-Agrikoltura. Jaqbel li x-xogħol kien isir minn Francis Saviour, Nikola, Manwel u Michael iżda jgħid li huwa wkoll kien jaħdem sakemm tħalla jagħmel dan dment li kien ħaj missieru. Imfakkar li dakinhar li ra l-flus ma kienx hawn sussidji jgħid li ma jafx.

Rigward il-propjetà fejn hemm il-*borehole* jaqbel li dik m'hijiex tagħhom imma hija mqabbla għandhom u li s-sid huwa Micallef.

Rigward ir-raba' li kien jintuza għat-tadam jgħid li dan kien isir fir-raba' qbiela "tax-Xlendi", qbiela "taċ-Ċnus" u fir-raba' li kellu missieru fiċ-"Ċnus" ukoll. Jgħid li kienu anke jaħdmu tadam f'xi raba' li kienu jikru mingħand terzi. Jgħid li hu ma ħariġx flus għall-ispejjeż involuti fil-kiri tar-raba' uzat għat-tkabbir tat-tadam u anqas spejjeż relattivi għaż-żergħa u tkabbir tat-tadam.

Jgħid li huwa kien jitla' Għawdex kemm jista' u dejjem fuq stedina ta' missieru, mhux ommu. Jgħid li ħadd qatt ma talbu ħlas sabiex joqgħod għand ommu. Jgħid li kien jaħdem bix-xift, *rest* u *off*, allura kien jagħmel jumejn. Jgħid li kien jitla' Għawdex frekwenti sa meta miet missieru.

Jerġa' jixhed in **kontroeżami**.[51] Jaqbel li l-kawża saret għad-diviżjoni tal-wirt tal-ġenituri tiegħu. Jispjega li r-raba' kollu msemmi f'din l-istanza huwa raba' li kien jaħdem missieru kif ukoll it-tmint (8) aħwa. Jispjega li missieru qatt ma laqqagħhom sabiex jaraw kif jaqsmu. Jgħid li hemm raba' li huwa qbiela, raba' ieħor li huwa frank u ġej mill-ġenituri ta' ommu u ta' missieru

[51] A fol 640 tal-proċess.

kif ukoll raba' li kien ta' missieru. Jgħid li r-raba' li ġej mill-ġenituri ta' missieru u huwa frank ma kienx saret qasma b'kuntratt iżda kulħadd kien jaf liem'hi l-biċċa tiegħu u kulħadd kien jaħdem ir-raba' li kien ġie assenjat bil-fomm. Fuq ir-raba' ġej mill-familljari tal-ġenituri tiegħu jgħid, rigward dak ġej min-naħa ta' missieru, li missieru kien jaħdem ir-raba' assenjat lilu u lilu biss iżda l-assenjazzjoni kienet biss bil-fomm. Jgħid li n-nannu Nikola kien bil-kliem qal lil missieru u ħutu "int għandek hawn u int għandek hawn" u ħadd ma kien jidħol f'ta' ħaddieħor. Jgħid li ħutu Gregory, Manwel, Nikola, Francis Saviour u Manuel eliminaw lilu, lil oħthom Miriam u lil Victor u ħatfu kemm setgħu. Jgħid li Manwel għalaq "iċ-Ċnus" bi grada. Jgħid li dawn l-għelieqi ġew għand missieru mingħand nannuh u għandhom jinqasam. Jgħid li b'mod simili Gregory ħataf "Ta' Summiena" u anke "x-Xlendi" avolja "x-Xlendi" jidher fuq xi dokument fuq Victor, bħal proprjetà fejn hemm il-*borehole*. Jgħid li Francis Saviour għamel "il-Ħbula ta' Xriek" u "tal-Boroż" tiegħu u ma jridux jgħaddi minn hemm. Ikompli x-xhieda bl-istess mod inkluż rigward ir-raba' ġej min-naħa ta' ommu. Fuq ta' ommu jgħid li m'hemmx kuntratti imma jżid li ħadd minn ħutha jew mill-kuġini qatt ma għamlu pretensjonijiet.

Rigward ir-raba' qbiela jgħid li hu għal-laqgha mal-Karmelitani ma kienx hemm.

Rigward id-dar li kienet ta' ommhom jgħid li dik kienu tawilha ommha u hutha. Jgħid li din kienet ġiet mingħand Karmnu u Massiminu Bugeja li skontu mietu intestati.

Xehdu r-**rappreżentanti tal-banek HSBC Bank Malta p.l.c**[52] u **l-Bank of Valletta**[53] li l-ġenituri tal-partijiet fil-kawża ma kellhomx flus jew investimenti fil-banek msemmija.

[52] A fol 272 u 336 tal-proċess.
[53] A fol 275 u 337 tal-proċess.

Xehed **Anthony Rizzo** fil-kwalità tiegħu ta' Kap Eżekuttiv tal-*Malta Resources Authority*.[54] Jgħid li rigward *boreholes* irreġistrati fuq isem Francis Saviour Formosa, magħruf bħala Francis X Formosa, dan għandu *borehole* rreġistrata fuq ismu li tinsab Sqaq Xirfi, Santa Luċija, Ta' Kerċem, u li ilha rreġistrata sa mill-1997. Ikompli jgħid li min jirreġistra *borehole* jrid ikollu l-kontroll tal-art fejn ikun hemm dik il-*borehole*, jiġifieri jkun qed jokkupa dik l-art. Jgħid ukoll li min japplika jrid jiddikjara fl-applikazzjoni li għandu l-użu effettiv tal-art u li l-liġi ma tispeċifikax li jrid ikollu xi tip ta' titolu speċifiku.

Xehed il-**konvenut Francis Xavier Formosa**[55] li minn meta twieled, anke wara li żżewweġ, kien jgħix ma' ommu qabel ma din mietet. Fl-aħħar dan il-post inxtara minnu mingħand ommu. Jgħid li ommu kienet tgħix bil-pensjoni u ġieli anke ħareġ il-flus hu meta l-pensjoni ma kinitx isserviha.

Jispjega li l-pensjoni kienet tirċeviha bħala ċekk u hu kien isarrafulha, itiha l-flus u hi tagħmel bihom li trid. Jgħid li ma jafx jekk kellhiex flus oħra minbarra l-pensjoni.

Rigward l-għamara jgħid li sakemm mietet ommu kellhom għamara tat-*triply* kollha susa u wara li mietet ommu biddel kollox hu. Rigward kmamar tas-sodda jgħid li kien hemm waħda li jara lil ommu fiha l-Kappillan iżda li ommu qatt ma raqdet fiha għax kulħadd f'sodod tal-millitar kien jorqod. Jgħid ukoll li din il-kamra tas-sodda kellha saqqu mixtri użat (*second hand*) mingħand "il-Pespus" li ntrema f'ħajjet ommu u li huwa ma ċċekkjahx għal xi flus moħbija għax kien għadu meħjut.

54 A fol 276 tal-proċess.
55 A fol 283 tal-proċess.

In **kontroeżami** jgħid[56] li meta missieru rid jirtira mir-raba' fl-1979 u kien għadu d-dar, taħt l-età, kellu sittax(16)-il sena. Jgħid li missieru rid idawwar ir-raba' u qal lill-aħwa jaraw min irid u min ma jridx raba'. Jgħid li ħuh ta' Malta ma riedx raba' x'jaħdem, hu u ħuh Michael kienu taħt l-età u allura ma setax ikollhom raba' mdawwar fuqhom. Ir-raba' kellu bilfors idur fuq Gregory, Manuel u Nicholas billi dawn kienu jaħdmu r-raba'. Jispjega li missieru kellu aktar raba' iżda tah lura lil sidu. Jgħid għalkemm ir-raba' daret fuq ħutu u ġieli ħadimha.

Jikkonferma li hu kien hemm meta kienet qed issir il-*borehole*. Jikkonferma li għalkemm ħuh Victor xtara t-trakk (*bowser*), il-kaxxa tal-ilma u ħallasha. Jikkonferma li ħadmu bil-*bowser* iżda jgħid li meta ġie ċ-ċans neħħewh billi kien jinvolvi ħafna spejjeż. Jgħid li l-*bowser* ħadmu bih xi sentejn sakemm għamlu l-*borehole* għax imbagħad ma kellhomx aktar bżonnu.

Rigward il-qliegħ mir-raba' jgħid li ftit li xejn kien hemm qliegħ. Jgħid li l-ftit qliegħ li kien ikun hemm kien imur id-dar tal-ġenituri u minn imur hemm jiekol. Jgħid li kien anke jkollu joħroġ flus mill-but bħalma ħallas il-kaxxa tat-trakk.

Jikkonferma li r-raba' li ġej minn tan-nanniet għalkemm huwa indiviż kulħadd jaħdem biċċa għalih. Jgħid li l-kuġini għandhom ir-raba' bħalma hu qiegħed tagħhom. Jgħid li fl-1979, meta missieru rtira u hu telaq mill-iskola, hu beda jaħdem biċċa raba' minn tan-nanniet flimkien ma' missieru u ħutu u baqa' jaħdem dik u ħadd ma qallu hemm tidħolx jew hemm għandi minnu. Jgħid però li hemm ma jqisux tiegħu personali u li xħin iridu l-oħrajn joħroġ minn hemm u jaqsam. Isemmi "Taċ-Ċnus" u "Tal-Boroż" bħala eżempju. Jikkonferma li bħalma qal ħuh Gregory, meta kienu jiġu z-zijiet kienu jtuhom dak dovut lilhom. Jgħid li hawn qed jitkellem fuq in-naħa ta' missieru. Jgħid li bl-istess mod

[56] A fol 674 tal-proċess.

il-qasma minn-naħa ta' ommu ma saritx u li ħadd ma jaf fejn hu tiegħu.

Rigward id-dar tal-ġenituri tiegħu jgħid li huwa xtraha mingħand ommu.

Jgħid li parti minn "taċ-Ċnus" huwa tiegħu personali għax xtrah b'kuntratt u li fejn huwa pparkjat it-trakk ta' Victor hija għalqa tiegħu personali billi huwa xtraha. Jgħid li "taċ-Ċnus" li mhux tiegħu personali jinħadem minnu u ħutu, Manwel u Gregory. Jgħid li sa ma miet Michael kien jaħdem biċċa wkoll. Jgħid li m'hemmx kuġini jidħlu hemm għalkemm għadu mhux maqsum.

Xehed **Mario Bajada**, mill-Aġenzija għall-Pagamenti (ARPA)[57] li s-sussidju jirċevuh biss Francis Formosa, Nicholas Formosa, Michael Formosa u Emanuel Formosa. F'depożizzjoni ulterjuri ppreżenta pjanti tal-*parcels* tar-raba' flimkien ma' *parcel list*.[58] Spjega li bħala dipartiment ma jidħlux fuq it-titolu li persuna li tiġbor is-sussidju jista jkollha fuq ir-raba'.

Il-konvenut **Victor Formosa** xehed[59] illi r-raba' li kitbulu l-ġenituri tiegħu llum qiegħed għand ħutu Gregory Formosa, Emanuel Formosa, Nicholas Formosa u Francis Xaviour u ma jridux jagħtuhulu. Jgħid li llum mejjet Michael Formosa kien ħa l-istess pożizzjoni ta' dawn, kontrih. Jgħid li qatt ma qalu għalfejn ma jridux jagħmlu dan għalkemm jafu li missierhom kitbu lilu. Jgħid li fir-raba' hemm ħutu l-oħrajn. Jgħid li r-raba' li jitkellem dwarha tinsab Ta' Kerċem u hija magħrufa bħala "Ta' Kalandrijiet", "Ta' Ħarrux" u "Ix-Xlendi". Jgħid li "x-Xlendi" huma ħaduha mingħand missierhom u ġejja minn tal-Karmelitani. Jgħid li l-kuntratt għal dan għamluh hu u ħuh Gregory u missierhom iżda l-patrijiet qalu li m'għandhomx

[57] A fol 338 u 349 tal-proċess.
[58] Envelop a fol 357 tal-proċess.
[59] Seduta tal-20 ta' Jannar, 2017.

jiktbu lil kulħadd. Jgħid li per konsegwenza issa ħutu ma jridux jaqsmuh.

Jgħid li kemm hu kif ukoll l-attur kienu jieħdu minn dak li toffri r-raba′ però wara li mietet ommhom inqala′ l-inkwiet. Jgħid li sakemm kien jaħdem kienu jtuh xi ħaġa żgħira tal-flus iżda meta weġa′ u ma setax jibqa′ jmur qatgħuh għalkollox. Jgħid li l-attur ma kien jingħata xejn avolja ġieli mar ħadem ir-raba′ iżda kien jieħu milli jkun hemm. Jgħid li aċċess għar-raba′ kien hemm għal kulħadd dment li kien ħaj missierhom. Wara li miet missierhom inbidel kollox. Jgħid li ħutu anke għamlu alarm fejn hemm il-*borehole* sabiex żgur ma jidhol ħadd. Jgħid li hu kien xtara *bowser* sabiex jieħu l-ilma mill-*borehole* li issa jinsab mixħut ma′ ħajt. Jgħid li kien hemm inġenji oħrajn li parti minnhom kienu tal-ġenituri tiegħu, b′ħafna minnhom mixtrija minn missieru. Isemmi muturi tal-ħart u xi inġenji oħra ġejja mill-wirt. Jgħid li ma jafx fejnhom dawn l-inġenji għax huwa m′għadux jidħol hemm. Jgħid li huwa jinżel biss ġor-raba′ tiegħu. Jgħid li xi raba′ kienet irreġistrata fuqu iżda llum ma jafx qalbuhx għax huwa ma jircevix sussidju. Fuq il-kuntratt mal-Karmelitani jgħid li m′għandux kopja tiegħu għax dan dejjem baqa′ għand ommu u għand Francis Saviour. Jerġa′ jgħid li għall-kuntratt kienu hu, ħuh Gregory, missieru, u sid ir-raba′ u għamluh ma′ tal-knisja. Jgħid li r-raba′ qiegħed għand ħutu mentri mhux tagħhom għax kellu jinqasam.

Rigward flus tal-ġenituri tiegħu jgħid li lilu rieduh jiffirma u huwa hekk għamel. Jgħid li bagħtitu ommu għand in-Nutar Pisani u ffirma fuq karta vojta fejn kien hemm ismijiet oħra. Jgħid li ma jafx xi flus kien hemm. Jgħid li mix-xogħol tar-raba′ l-ġenituri tiegħu kienu jaqilgħu ħafna flus imma ma jafx kemm. Jgħid li la qatt ra u anqas jaf x′kienu jagħmlu bihom dawn il-flus jew fejn kienu jżommuhom.

Permezz ta' **affidavit addizzjonali** jgħid[60] li ommu u missieru kienu jittrattaw lil uliedhom kontendenti f'din il-kawża l-istess però hu kien l-aktar fost ħutu li jgħin lil missieru finanzjarjament. Jgħid ukoll li mal-Gvern missieru kellu paga miżera u meta rtira l-pensjoni kienet agħar, ħutu kienu għadhom żgħar u huwa kien ġuvni d-dar u għalhekk kellu jgħin. Jgħid ukoll li hu biss kellu karozza allura kien hemm dipendenza fuqu. Jispjega li kien xtara trakk żgħir u beda jtella' x-xogħol il-pitkalija in-Nadur. Jgħid li minn hemm missieru beda jara l-flus. Jgħid li fil-bidu kellhom 'il fuq minn ħamsin (50) tomna raba' x-Xlendi u mbagħad akkwistaw ħamsin (50) tomna oħra biswit dak li diġà kellhom u dan mingħand il-patrijiet. Jgħid għalhekk li dak li elenka f'dawn il-proceduri ossia "ċ-Ċnus", "ta' Kerċem, "ix-Xlendi", "il-Qasam ta' Santa Luċija" u "l-Għadira" kien kollu raba' ta' missieru.

Jikkonferma li huwa kien isuq trakk kbir li xtara huwa u li ħutu kienu għamlulu t-tank biex iġorru l-ilma bih. Jgħid li minn dan ir-raba' missieru beda jara flus kbar għax ġabuh saqwi permezz tat-trakk tiegħu. Jgħid li l-profitti kien iżommhom missieru.

Ikompli li wara li miet missieru l-aħwa kienu ffirmaw karta biex ommhom tieħu l-flus kollha li kien jiġbor missierhom il-pitkali. Jgħid li Gregory kien jaf eżatt x'hemm u darba semmielu għoxrin elf liri Maltin (Lm20,000) li kellhom jinġabru mill-pitkalija. Jgħid li ommu u missieru ma kinux it-tip li jpoġġu l-flus il-bank u għalhekk huwa ċert li l-flus kienu jinżammu kollha d-dar u li la hu u lanqas l-attur qatt ma ħadu xejn.

Jgħid li f'ħajjet missieru nxtraw traktor u trakk ieħor.

Jgħid li għalkemm kienu żżewwġu u telqu mid-dar missieru kien żamm kollox hu u kien anke jħallas il-qbiela anke jekk l-art kienet daret fuq it-tfal u għalhekk dak ir-raba' huwa wirt tal-missier u jrid jinqasam. Jgħid li ħuh Michael irreġistra ruħu għas-sussidju

[60] A fol 555 tal-proċess.

sabiex jingannahom fuq dan. Jgħid li hu sar biss jaf b'din il-biċċa tas-sussidju kemm ilhom għaddejjin dawn il-proċeduri.

Jgħid li kieku missieru verament rid li r-raba' "tax-Xlendi" jdur fuq Gregory u Manwel biss kieku dawn żgur ma kinux jaċċettaw li jidher Michael għas-sussidju.

Jgħid li r-raba' tax-Xlendi nkiteb fuq Gregory u Emanuel u mhux fuq l-aħwa kollha fuq struzzjonjiet tal-patri billi dawk inzertaw kienu l-ismijiet li kien hemm imniżżlin qabel rigward xi porzjonijiet art oħra u għalhekk jinsisti li l-intenzjoni ta' missieru ma kinitx li jiġu esklużi l-aħwa l-oħra minn sehemhom f'din ir-raba'. Jgħid li lilu qalulu jniżżel ismu imma huwa ma tax każ għaliex skontu l-patri assigurhom li kif kienu ser jagħmlu ma kienx ser ikun hemm xkiel sabiex l-aħwa jaqsmu.

Itenni li missieru kien mar għand id-Dipartiment tal-Agrikoltura u qasam ir-raba' biċċa fuq kulħadd. Jidentifika r-raba' kif skontu nqasam minn missieru.[61] Jgħid li sabiex issir ġustizzja r-raba' kollu qbiela miktub fuq ħutu Gregory u Manwel bilfors irid jittieħed in konsiderazzjoni.

Isemmi raba' "Ta' Ħarrux" u jgħid li għalkemm dan huwa tiegħu personali pruvaw jeħduhulu waqt li kien l-Amerika u missieru, sabiex jipprevjeni dan, minn isem Victor waħdu għamlu fuq Victor u ħuh Michael u issa qed jippruvaw jeħduhulu. Jgħid iżda li dan ir-raba m'għandux x'jaqsam ma dawn il-proċeduri.

Rigward "taċ-Ċnus" jgħid li dan ir-raba' għad irid jinqasam. Jispjega li dan ir-raba' ġej minn tan-nanniet iżda missieru dejjem kien jaħdmu hu u qatt ma kien hemm ħadd li ppretenda xi dritt fuqu.

61 A fol 557 tal-proċess.

Rigward flus jgħid li dawn inġabru minn ħutu kollha għajr hu u Joseph iżda jekk hux qabel jew wara li mietet l-omm ma jafx.

Fil-konfront tad-dar residenzjali mixtrija minn Francis Xavier jgħid li dan il-kuntratt sar għax ħuh ġieghel lil ommu tbigħlu.

Isemmi raba' f'"Wied il-Manz", "Kalandirjiet" (Ċnus), "Tax-Xlendi" u "Tal-Ħarrux" u jgħid li dawn kienu ngħataw lilu minn missieru meta mar id-Dipartiment. Jgħid iżda li ħutu ma jħalluhx jidħol fihom u meta prova ġew għall-ġlied.

Jannetti wkoll kuntratt tat-13 ta' Jannar 2010[62] fejn bih xtara porzjon art ta' circa ħames mija u ħamsin u sittin metru kawdru (565 m.k.) "Taċ-Ċnus". Fl-istess kuntratt akkwistaw porzjonijiet art diversi persuni oħrajn inkluż uħud minn ħutu ossia, Gregory, Michael, u Francis Xavier inkluż f'"Taċ-Ċnus". Ma ġewx sottomessi l-pjanti annessi ma' dan il-kuntratt.

Jgħaddi mbagħad sabiex jagħti elenku tar-raba' li skont hu huma fil-qasma.[63]

**Gregory Formosa** xehed[64] li qabel ħareġ bil-pensjoni missieru kien jaħdem mal-Gvern. Jgħid li missieru kellu wkoll l-għelieqi. Jgħid li l-għelieqi li qed jitkellem fuqhom huma dawk tal-kawża imma missieru kellu oħrajn li tahom lura lil sidhom. Jgħid li llum il-ġurnata huwa rtirat ukoll u jaħdem l-għelieqi li huma miktubin f'ismu. Jispjega li missieru beda jikteb l-għelieqi fuq uliedu sabiex ikun jista' jieħu l-pensjoni. Jgħid li m'hemmx kuntratt imma l-irċevuti tal-qbiela jsejħu lilu.

Jispjega li missieru kien ċeda l-qbiela favur tiegħu. Jafferma illi l-qbiela maqluba fuqu kienet tinġabar mill-patrijiet Karmelitani u

[62] A fol 570.
[63] A fol 559 tal-proċess.
[64] Seduta tad-19 ta' Mejju, 2017 a fol 362 tal-proċess.

dan meta kien għadu ħaj missieru b'dan li mbagħad beda jħallas lil Karmelitani hu kif għadu jagħmel. Jiddeskrivi l-art bħala li fiha ħames (5) mundelli u biċċtejn li fihom tomnejn. Isemmi li l-qbiela ma ddawritx fuqu biss iżda wkoll fuq ħuh Emanuel, allura kienet bejniethom. Jgħid li dan ġara għax ħutu l-oħrajn ħadd minnhom ma ried jaħdem raba' u missieru dawwarhom fuqu u fuq ħuh Emanuel flok ma ċedihom lill-patrijiet.

Jafferma li missieru ma dawwarx għelieqi fuq l-attur billi dan ma riedx jaħdem meta jitla' Għawdex imma kien jgħid li jmur hemm biex jistrieħ mhux jaħdem. Jgħid li missieru baqa' dispjaċut salmewt fuq hekk.

Rigward inġenji jgħid li missieru kien xtara moħriet bil-karru. L-inġenji l-oħra jgħid li nxtraw mill-aħwa bi flushom.

Jispjega li meta missieru kien jaħdem ir-raba' l-flus li kien jaqla' kienu jmorru għall-famillja. Jgħid li s-sussidju bdew jeħduh meta Malta daħlet fl-Unjoni Ewropea. Ikompli li r-raba', anke jekk kienu jaħdmuh l-aħwa flimkien, huwa reġistrat fuq ħuh Michael u allura dan tal-aħħar jieħu s-sussidju hu. Jgħid li d-deċiżjoni li r-raba' jiġi reġistrat fuq Michael ittieħdet mill-aħwa, hu u ħutu li kienu jaħdmu r-raba', bl-eċċezzjoni tal-attur għax l-attur ma kienx jinteressah ir-raba'.

In **kontroeżami** jispjega li r-raba' li semma li nqaleb jinsab fuq ir-riħ tal-knisja tax-Xlendi, fuq il-blat, u nqaleb meta l-ġenituri tal-kontendenti kienu t-tnejn ħajjin. Jinsisti li nqaleb għax missieru ried ineħħih minn fuqu minħabba l-pensjoni allura kellu jew iċedih lis-sid jew idawwru. Jikkonferma li sabiex dawru, missieru kellem lill-patrijiet u ressaq lilu u lil ħuh biex dawru fuqhom. Jgħid li dakinhar li dar ir-raba' missieru kellu biss sitt (6) itmiem imma hu u ħuh ħadu erbatax(14)-il tomna oħra mingħand terzi sabiex ġew għoxrin (20) tomna. Ir-raba' kien kollu tal-patrijiet. Allura sitta (6) biss minn dawn it-tmiem ġejjin

mingħand il-missier. Rigward il-fatt li għas-sussidju jidher biss wieħed mill-aħwa, Michael, jgħid li din ġrat minħabba l-burokrazija, minħabba li tal-Agrikoltura talbu isem wieħed.

Gregory Formosa **xehed ulterjorment permezz ta' affidavit**.[65] Jgħid li l-attur fetaħ il-kawża mingħajr ma għamel tentattiv sabiex il-partijiet jaslu fi qbil amikevoli. Jisħaq illi fil-lista tal-assi li kien ippreżenta fil-Qorti oriġinarjament l-attur kien inkluda ħafna propjetajiet li m'humiex ġejjin mill-wirt tal-ġenituri tagħhom u li dwarhom hemm kawżi oħra l-Qorti. Jgħid ukoll li dawn il-proprjetajiet ghadhom indiviżi ma' terzi għax jiffurmaw assi f'wirtijiet ta' zijiet tal-partijiet.

Jgħid li l-attur imbagħad illimita l-assi għal seba' (7) propjetajiet li jinsabu fin-nota tat-23 ta' Diċmebru, 2015. Jgħid li huwa bħala konvenut qatt ma kellu oġġezzjoni illi jinqasmu l-assi tal-ġenituri tagħhom.

Jgħid li missierhom staqsa lill-attur jekk riedx raba' u dan meta ried idawru minħabba l-pensjoni iżda l-attur irrisponda fin-negattiv u b'hekk ir-raba' dar fuqu (Gregory) u ħuh Manuel.

Itenni li r-raba' li jaġdmu u jieħdu s-sussidju ma jagħmilx parti mill-assi għad-diviżjoni billi dan ir-raba' huwa ta' terzi li huma laħqu ftehim magħhom rigward l-art. L-istess jgħid għall-għalqa fejn hemm il-*borehole*. Skontu din tinsab fuq art li tifforma parti mill-assi li għadhom indiviżi bejn missier il-kontendenti u ħutu jiġifieri z-zijiet tal-partijiet fil-kawża odjerna.

Itenni wkoll li jekk wieħed jara l-pjanti esibiti minn tal-Agrikoltura, jidher ċar li ebda waħda mill-għelieqi li għalihom ġiet limitata l-kawża ma jittieħed sussidju fuqha u li, saħansitra jirriżulta li hemm raba' minnu li ġej mill-famillji ta' mart ħutu li allura m'għandux x'jaqsam ma' din il-kawża.

[65] A fol 384 tal-proċess.

Permezz ta' **affidavit addizzjonali**[66] jgħid li r-raba' "tax-Xlendi" jinsab imqabbel għandu u għand ħuh Manwel u huwa proprjetà tal-Patrijiet Karmelitani tal-Imdina. Jispjega li porzjonijiet minn dan ir-raba' kienu għand missieru u għand zithom Rita Formosa, oħt missierhom. Fl-1978 ir-raba' li kienet taħdem zithom għadda għand missierhom. Fl-1979 meta missierhom ġie biex jirtira huwa dawwar dan ir-raba' fuq uliedu Gregory u Manwel billi dak iż-żmien seta' biss ikollu wejba raba' sabiex ikun intitolat għall-pensjoni.

Jispjega li missieru dawwar dan ir-raba' fuqhom għax huma kienu jaħdmu r-raba' miegħu. Jgħid li l-attur kien ilu li telaq lejn Malta sa mill-1967. Jgħid li Victor u Nicholas kienu wkoll jaħdmu Malta fil-lukanda taċ-Ċirkewwa, filwaqt li Michael u Francis Xavier kienu għadhom taħt l-età u għalhekk ir-raba' ma setgħetx iddur fuqhom mentri oħthom Miriam kienet marret tgħix maz-zijiet. Jgħid li kienet l-għażla ta' missierhom li dan ir-raba' jinqaleb fuqu u fuq Manwel peress li huma kienu interessati fir-raba'. Jgħid li l-irċevuti ta' dan ir-raba' bdew jinħargu fuq ismu u isem Manwel minn 1979.

Rigward ir-raba' l-ieħor li jinsab ħdejn dan l-istess raba' li kellu missieru x-Xlendi, jgħid li dan kien ta' Karlu Sultana magħruf bħala d-Dobbu u dan ma ridux aktar. Jgħid li kien hemm xi ħadd ieħor interessat fir-raba', ċertu Grazio Tabone. Jgħid li għalhekk marru mal-istess Karlu Sultana hu, ħuh Victor, missierhom u Karlu Sultana, u dan fl-1983. Jgħid li l-patri ma riedx idaħħal terzi u għalhekk il-patri għazel li jdawwar il-qbiela ta' Karlu Sultana għal fuqu u fuq ħuh Manwel billi huma kienu diġà qed jaħdmu r-raba' l-ieħor viċin din il-biċċa oħra. Jgħid li billi kien hemm l-uċuħ miżrughin dakinhar ħallsu lil Karlu Sultana ħames mitt lira Maltin (Lm500). Jgħid li dan ir-raba' dar meta missier il-partijiet fil-kawża kien għadu ħaj.

---

[66] A fol 400 tal-proċess.

Mal-affidavit jannetti riċevuti varji[67] li juru li l-qbiela kienet tħallset minn zijithom Rita Formosa fl-1977 u bdiet titħallas minnu u ħuh Manwel mill-1979. Jannetti wkoll kuntratt ta' qbiela datat it-28 ta' Mejju 1983 li bih assumew il-qbiela li kienet ta' Karlu Sultana u li ġiet magħduda ma' dik li għaddiet lilu u lil ħuh Manwel mingħand missierhom.

Jgħid li kien hemm raba' ieħor li missieru kellu bi qbiela u li ċeda favur is-sid billi ħadd mill-ulied ma ried jaħdmu u billi missieru rid ineħħi r-raba' minn fuq ismu. Dan ir-raba' kien "Tal-Kanalijiet" u "Tar-Riefnu".

Rigward ir-raba' li dwaru jieħdu s-sussidju jgħid li dan kien jinħadem minnu, minn Manwel u minn Michael imma ġie rreġistrat fuq Michael billi d-Dipartiment kien qalilhom sabiex jiġi rreġistrat fuq persuna waħda, u billi Michael kien l-iktar li kellu raba', ġie rreġistrat fuq ismu. Jgħid li s-sussidju jinġabar kontra xogħol li jsir fir-raba' u li f'dan il-każ tali xogħol sar minnhom.

Jispeċifika liema mir-raba' kollha li fuqha jirċievu s-sussidji hija in diviżjoni billi jagħmel elenku mal-affidavit.[68]

Itenni li għalkemm l-ammont mogħti f'sussidju jidher kbir l-istess irid jingħad għall-ispejjeż involuti sabiex jinħadem ir-raba'. Jgħid li x-xogħol fir-raba' jsir kollu minnu u minn ħutu Manwel u Michael u li l-attur ma għandu l-ebda jedd li jippretendi li jgawdi mill-frott ta xogħolhom.

Permezz ta' **affidavit addizzjonali ieħor**[69] jispjega x-xogħol li kien isir fl-għelieqi li jipproduċu t-tadam minnu u ħutu Manwel

[67] A fol 404 et seq tal-proċess.
[68] A fol 441 sa fol 444 tal-proċess.
[69] A fol 546 tal-proċess.

u Michael u l-ispejjeż relatati mal-istess li kienu jħallsu minn buthom. Jgħid li b'dak li jġib il-bejgħ tat-tadam ta' bilfors hemm bżonn sussidju sabiex jikkumpensa d-diskrepanza. Jgħid li mal-konteġġji anqas inkluda x-xogħol ta' jdejh u jdejn ħutu li semma. Il-kontenut ta' dan l-affidavit ġie kkonfermat bil-ġurament ukoll *seduta stante* mill-konvenuti Emanuel u Nicholas Formosa.[70]

**In kontroeżami ta' nhar it-8 ta' Frar 2019**,[71] ikompli jgħid li l-*borehole* tinsab fl-art "Ta Kalandrijiet" li kienet taz-zija Rita Formosa u li m'hemmx *borehole* oħra. Jgħid li din il-*borehole* l-ewwel kienet reġistrata fuq zitu Rita, imbagħad daret fuq ħuh Michael u mbagħad reġgħet daret fuqu (Gregory). Jispjega li Rita tat il-kunsens tagħha biex tiġi reġistrata f'isem Michael u wara li miet Michael ġiet irreġistrata fuqu billi hu u ħuh Michael kienu l-werrieta taz-zijiet tagħhom Rita u Grezzja. Jgħid li hemm testmenti li juru li wirtu liz-zijiet Rita u Grezzja hu u Michael talli daru bihom.

Jerġa' jispjega li missieru dawwar kollox fuq uliedu qabel ma rtira u żamm biss wejba raba' fuq ismu. Dan kollu seħħ fl-1979. Jgħid li r-raba' ta missieru — il-wejba raba' — tkejjel mill-perit tal-Qorti u qiegħed għall-qasma f'dawn il-proċeduri.

Rigward il-*borehole* jgħid li kien hu li ħaffirha u li ħuh Victor kien imur iġib l-ilma mill-Wied tax-Xlendi. Jiċħad li l-*borehole* saret minn ħuh Victor. Jgħid ukoll li l-għalqa fejn hemm il-*borehole* hija qbiela mingħand Micallef tar-Rabat, kienet imqabbla lil zitu Rita, imbagħad inqalbet fuqu u fuq Michael u wara mewt Michael ġiet fuqu.

Rigward il-fatt li għalkemm m'hemmx kuntratti, kulħadd mill-aħwa, zijiet u kuġini min-naħa ta' missieru jaf liem'hi l-biċċa raba' tiegħu u fejn jista' jidhol jaħdem u fejn ma jistax jgħid li dan

[70] A fol 553 tal-proċess, verbal tad-9 ta Marzu, 2018.
[71] A fol 656 tal-proċess.

mhux minnu tant li huwa rċieva ittra uffiċjali fl-2013 fejn ġew msejħa jersqu għad-diviżjoni tal-wirt ta' Kelina, nanntu, u Nikola, nannuh.[72]

Rigward il-laqgħa li nżammet mal-Patrijiet Karmelitani tal-Imdina jgħid li dan seħħ wara li missieru qallu li Karlu Sultana d-Dobbu ried ineħħi r-raba' tiegħu, offrih lilu u huwa qallu le. Jgħid li dak il-mument qal lil missieru li huwa tad-Dobbu kien jieħdu. Jgħid li allura missieru reġa' kellem lid-Dobbu li qallu li sfortunatament kien diġà offrih lil Grezzju Tabone li aċċetta. Jgħid li l-proċeduri mal-Patrijiet bdew wara dan. Jikkonferma li Victor kien preżenti għal-laqgħa mal-patrijiet billi Victor kien isuq u wassalhom. Ikompli jgħid li l-patri infurmahom illi hu kien ser jgħaddi r-raba' lil min hemm u mhux ser idaħħal nies ġodda. Kien għalhekk li niżżel isem Gregory u Manuel. Jispjega li mbagħad r-riċevuta bdiet tinħareġ fuq ismu u isem Manuel.

Rigward il-flus tal-ġenituri jgħid li dawn ma kellhomx flus x'jieħdu il-Bank. Jgħid li la kellhom flus x'jieħdu l-bank u wisq anqas biex iżommu d-dar għax huma kienu jaqilgħuha u jikluha. Jgħid li flus taħt is-sodda ma kienx hemm.

**Nicholas Formosa** xehed permezz ta' affidavit u kkonferma l-fatti kollha ġa esposti minn ħuh Gregory Formosa.[73]

**Emanuel Formosa** fl-affidavit tiegħu[74] jgħid li huwa m'għandu ebda oġġezzjoni li ssir l-qasma bejn l-aħwa u jikkonferma dak li afferma ħuh Gregory fl-affidavit tiegħu a fol 384 tal-proċess. L-istess ghamel il-konveut **Francis Xavier Formosa**.[75]

[72] Jeżebixxi kopja tal-ittra uffiċjali bħala DOK GF 1 a fol 673 tal-proċess.
[73] A fol 382 tal-proċess.
[74] A fol 389 tal-proċess.
[75] A fol 390 tal-proċess.

**Arthur Bajada,** in rappreżentanza tal-*Front Office, Paying Agency*, xehed[76] illi l-applikazzjoni għas-sussidju ssir minn min ikun qed jaħdem ir-raba'. Jgħid li huma ma jidħlux fil-mertu ta' titolu iżda joqogħdu fuq dikjarazzjoni ta' dak li japplika li huwa jkun qed jaħdem ir-raba'. Huma ma jistaqsux ta' min hi, jekk hix qbiela jew mod ieħor. Jgħid li jista' wkoll ikun li jkun hemm dikjarazzjoni li varji persuni qed jaħdmu r-raba' flimkien imbagħad ikun hemm dak li jissejjaħ *co-activator*. Rigward l-ispejjeż involuti fix-xogħol tar-raba' jgħid li huma ma jidħlux f'dan.

**Osterius Aquilina,** in rappreżentanza tal-Awtorità tal-Artijiet, xehed[77] illi r-raba' mmarkat bl-aħmar fil-pjanta ppreżenta a fol 495 tal-proċess kienet tal-Kurja u mbagħad għaddiet għand il-Gvern. Wara nħarġet applikazzjoni għall-iskema u kien hemm tliet (3) applikanti u fosthom kien hemm il-konvenut Gregory Formosa. Jgħid li l-kuntratti saru mat-tliet (3) applikanti.

L-art immarkata bil-blu jgħid li kienet u għadha tal-Gvern. Inħarġu l-applikazzjonijiet biex din l-art tinħadem u fost l-applikanti kien hemm il-konvenut Gregory Formosa u martu.

Dan ix-xhud jippreżenta wkoll min kien rikonoxxut fuq dik l-art fl-1977.

Jgħid li mir-riċerka li għamel sab biss rigward Nicholas u Gregory Formosa.

**Dr Veronica Aquilina**, *property manager* tal-Provinċja Karmelitana xehdet illi[78] mir-riċerka li għamlet sabet kuntratt li kien sar fl-1977 ma' George Formosa, missier il-partijiet fil-kawża. Tgħid li hija sabet ukoll ittra mibgħuta minn Rita Formosa li kienet qed tagħti l-kunsens tagħha sabiex l-art

[76] A fol 450 tal-proċess.
[77] A fol 489 tal-proċess.
[78] A fol 510 tal-proċess.

tgħaddi għand ħutha George u Frangisku. Tgħid ukoll li sabet notament fir-registru li jgħid li fl-1978 l-art għaddiet mingħand il-missier George Formosa għal fuq Manwel u Gregorio Formosa, uliedu.[79] Tgħid li hemm ukoll notament li minn dakinhar il-quddiem il-qbiela baqet tithallas minn Gregory u Manwel.

Tkompli tgħid li sal-2016 (is-sena ta' qabel din ix-xhieda tagħha) il-qbiela kienet għadha qed titħallas minn Manwel u Gregory Formosa. Fuq l-2017 għadha ma daħlitx notament.

Xehdet **Estelle Bonello Sant** in rappreżentanza tal-*Agriculture and Rural Payments Agency (ARPA)*.[80] Din ix-xhud qalet illi għal kull tomna raba' li fih jitkabbar it-tadam ikun hemm seba' mija u ħamsin ewro (€750) bħala sussidju. Rigward l-ispejjeż involuti fit-tkabbir tal-prodott tgħid li bħala ARPA dan ma hux fil-mansjoni tal-aġenzija. Tgħid ukoll li l-ispejjeż ivarjaw skont kemm ikollu għelieqi l-bidwi.

Tgħid li sabiex jitħallas is-sussidju huma jħarsu biss lejn l-*area* tar-raba' li qed jinħadem u li jsiru spezzjonijiet biex jaraw li l-bdiewa qed jottemperaw rwieħhom mar-regoli tal-*cross compliance*. Tgħid ukoll li fuq art li hija kkategorizzata bħala *less favoured area* s-sussidju huwa ta' għoxrin (€20) it-tomna. Tgħid li fil-każ ta' Malta u Għawdex ir-raba' kollu huwa kklassifikat bħala *less favoured area.* Tgħid ukoll li s-sussidju jieħdu l-persuna li hija reġistrata li qed taħdem l-art.

**Dr Sean Meli** xehed[81] illi missier il-partijiet fil-kawża kien jieħu l-pensjoni tal-irtirar minn 1978 sa 1996. Jgħid li r-rati huma ta' kull ġimgħa. Kien jieħu wkoll l-benefiċċju tal-mard minn 1992 sa 1996.

---

79 A fol 522 tal-proċess.
80 A fol 529 tal-proċess.
81 A fol 538 tal-proċess.

Rigward omm il-partijiet fil-kawża Carmen Formosa din kienet tiegħu l-pensjoni tar-romol minn meta miet żewġha u l-benefiċċju tal-mard minn 1996 sa 2012. Mid-dokumenti esibiti mix-xhud jirriżulta li kull benefiċċju waqaf mal-mewt ta' kull benefiċċjarju.

**Ikkunsidrat:**

Il-kawża li għandha quddiemha llum din il-Qorti hija azzjoni għad-divizjoni ta' wirt bejn l-aħwa u ċjoè dik hekk imsejħa *actio familliae erciscundae* fejn il-Qorti hija msejħa sabiex tieħu konjizzjoni tal-assi ereditarji ta' *decujus*, f'dan il-każ il-ġenituri tal-partijiet kontendenti, tottjeni stima għall-istess u tgħaddi sabiex tillikwida l-assi billi tordna l-qasma tagħhom f'porzjonijiet divisibbli bejn il-partijiet kontendenti u, fejn dan ma jkunx possibbli, tordna l-bejgħ bil-liċitazzjoni tal-istess.

Il-prinċipji li għandhom jiġu segwiti f'azzjoni bħal din odjerna huma s-segwenti:

*'Fost il-prinċipji li jirregolaw il-qasma ta' ġid in komun, wieħed isib li (a) kull wieħed mill-komproprjetarji għandu jedd jieħu s-sehem tiegħu ta' ġid in natura, (b) f'kull sehem għandha tiddaħħal l-istess kwantita' ta' mobbli, immobbli, jeddijiet jew krediti tal-istess xorta u tal-istess valur u (ċ) li l-ishma hekk formati għandhom, bħala regola, jittellgħu bix-xorti jekk l-ishma li jkunu qegħdin jinqasmu jkunu ndaqs.'*[82]

Kif ukoll *"Mill-prinċipji ewlenin li jirregolaw il-qsim ta' wirt, wieħed jislet ir-regola li l-qasma tal-ġid għandha ssir kif trid il-liġi. F'azzjoni għall-qasma tal-ġid li ġej minn wirt (magħrufa bħala l-actio familliae erciscundae), il-liġi tordna li għandhom jitħarsu r-regoli tal-qasma tal-beni in komun u tal-liċitazzjoni, fejn ikun il-każ. Fost il-prinċipji li jirregolaw il-qasma ta' ġid in komun, wieħed isib li (a) kull wieħed mill-komproprjetarji għandu jedd li jitlob li jinħall mill-komunjoni ta' ġid ma' ħaddieħor, ċkejken kemm ikun ċkejken sehemu minn dak il-ġid;*

[82] Emanuela Jeffries et vs Raymond Jeffries, Prim'Awla, deċiża fit-28 ta' Novembru, 2013.

*(b) kull wieħed mill-komproprjetarji għandu jedd jieħu s-sehem tiegħu ta' ġid in natura; (ċ) f'kull sehem għandha tiddaħħal l-istess kwantita' ta' mobbli, immobbli, jeddijiet jew krediti tal-istess xorta u tal-istess valur; u (d) li l-ishma hekk formati għandhom, bħala regola, jittellgħu bix-xorti jekk l-ishma li jkunu qegħdin jinqasmu jkunu ndaqs. Jibqa' l-fatt li kull każ ikollu l-fattispeċi tiegħu b'mod li "kull każ irid jiġi eżaminat singolarment fil-meriti tiegħu proprji".*[83]

Prinċipju ieħor important huwa dak li "*Meta tiġi ezercitata l-azzjoni għall-qasma ta' assi ereditarju għandu jinġieb għall-qasma dak kollu li jidhol f'dak l-assi, b'mod illi m'għandu jibqa' xejn indiviż minn dak li jidhol f'dak l-assi. Għalhekk, fil-likwidazzjoni preordinata għall-qasma għandhom jiġu migjuba l-beni kollha formanti parti mill-assi; għax divizjonijiet parzjali ma humiex permessi jekk ma jkunx hemm il-kunsens tal-kondividenti kollha li jhallu in komun xi haga li għandha tkun espressament u partikolarment indikata. Għaldaqstant jekk l-assi ereditarju li tiegħu tintalab il-qasma jkollu sehem minn assi oħra li ghad ma ġewx likwidati, dak l-assi ma jistax jiġi likwidat u maqsum qabel ma ssir il-likwidazzjoni ta' dawk l-assi l-oħra biex jiġi stabbilit is-sehem li minn dawk l-assi l-oħra jmiss is-sehem li tiegħu tintalab il-qasma*".[84]

Fil-każ tal-lum jirriżulta li l-partijiet f'din l-istanza huma t-tmint (8) aħwa Joseph Formosa, Mary sive Miriam mart Joseph Grima nee' Formosa, Nicholas sive Nikola Formosa, Victor Formosa, Emanuel sive Manuel Formosa, Gregory sive Gori Formosa, Michael Formosa li miet fil-mori ta' dawn il-proċeduri bl-atti ġew trasfużi f'isem martu Maria Formosa, u Francis Saviour sive Francis Xavier Formosa.

Il-ġenituri tal-partijiet, ossia, Giorgio sive George Formosa u ommhom Carmela Formosa nee' Azzopardi mietu

[83] Paul Camilleri vs Frank Camilleri , Prim'Awla, deċiża fl-10 ta' Jannar, 2008.
[84] Assunta Chircop vs Pawlu Calleja et, Qorti tal-Appell, deċiża fit-12 ta Novembru, 1951.

(rispettivament) nhar id-29 ta' Awwissu 1996 u nhar is-6 ta' Jannar 2012. Il-missier miet intestat u l-omm ħalliet testment tal-20 ta' Marzu 1997 in atti Nutar Paul George Pisani. Hija ħalliet bi prelegat a favur ta' binha Francis Xavier Formosa d-dar residenzjali tagħha numru 33, Triq Sarġ, Ta' Kerċem, Għawdex, bi tliet (3) bibien oħra mingħajr numru, bil-mandra annessa, bl-oġġetti mobbli kollha fiha kontenuti a *limine intus* eskluż biss flus kontanti u oġġetti tad-deheb, fidda u ħaġar prezzjuz inkluż kwalunkwe oġġetti mobbli li jista' jkun li jiffurmaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti ġa eżistenti bejnha u bejn żewġha li miet qabilha u dan bħala tpattija għas-serviġi, kuri u assistenzi reżi minnu lilha u lill-mejjet żewġha u ta' dak li għad jista' jirrendilha fil-futur. Din id-dar kienet intirtet mill-omm bil-wirt u s-suċċessjoni ta' ommha Saveria Azzopardi li mietet fit-8 ta' Diċembru 1964 u għalhekk kienet parafernali tagħha u setgħet tiddisponi minnha kif tixtieq[85]. Barra minn hekk, hija nnominat lil uliedha kollha, il-partijiet fil-kawża, bħala eredi universali tal-beni tagħha kollha, mobbli u immobbli, preżenti u futuri, fi kwoti ugwali u indiviżi bejniethom u bid-dritt tas-sostituzzjoni vulgari tar-rispettivi wliedhom f'każ ta' premorjenza għalija u bid-dritt ta' akkrexximent bejniethom fin-nuqqas. It-testatriċi eżentat ukoll lil uliedha kollha mill-obbligu tal-kollazzjoni u imputazzjoni ta' dak kollu li setgħu rċevew b'titolu gratuwit tul ħajjitha.

Mill-atti jirriżulta wkoll li qabel wiret il-proprjetà bin-numru 33, Triq Sarġ, Ta' Kerċem, Għawdex, Francis Xavier Formosa kien akkwista l-istess propjetà b'titolu ta' *datio in solutum* mingħand ommu b'kuntratt tad-9 ta' Lulju 2003 in atti Nutar Kristen Dimech bl-arja tagħha, bid-drittijiet u pertinenzi kollha tagħha iżda bid-dritt ta' użu u abitazzjoni gratwiti u limitati favur l-omm tul ħajjitha għall-valur ta' għoxrin elf liri Maltin (Lm20,000), u dan bi tpattija għall-kuri, serviġi u assistenzi illi rrenda lil ommu u li għalihom qatt ma kien kkompensat.

[85] Skont ma jirriżulta mill-provenjenza fil-kuntratt datio in solutum in atti.

Permezz ta' dan il-kuntratt il-partijiet kienu ftiehmu li Francis Xavier Formosa jibqa' jieħu ħsieb ommu. It-trasferiment ġie eżentat mill-obbligu tal-kollazzjoni u imputazzjoni fil-wirt tagħha. Tul il-kawża ħadd mill-partijiet ma kkontesta dan il-kuntratt.

Issa, apparti l-propjetà msemmija, il-partijiet kontendenti tħabtu mhux ftit matul dawn il-proċeduri sabiex ippruvaw jelenkaw x'kellu jkun hemm inkluż fil-lista tal-assi li din il-Qorti għandha tikkunsidra sabiex tgħaddi għal-likwidazzjoni u d-diviżjoni opportuna.

L-ewwel lista tal-assi ġiet provduta mill-attur inniffsu fejn, wara li ppremetta li m'hemm ebda passiv fl-ereditajiet tal-ġenituri tal-partijiet kontendenti,[86] iddikjara li l-assi għad-diviżjoni huma:

"*In kwantu jirrigwarda lill Giorgio Formosa*:

1. Flejjes li Giorgio Formosa kellu fil-banek lokali;

2. Għodda li kellu Giorgio Formosa u li jinsabu fil-fond 11, 12 u 13 u r-remissa bla numru fi Sqaq Xirfi, Ta' Kerċem, Għawdex;

3. Żewġ karrettuni tal-injam;

4. Cirka erbatax(14)-il bettija tal-injam;

5. Trakk tal-għamla Isuzu tal-kulur abjad;

6. Traktor tal-kulur aħmar;

[86] Skont nota ppreżentata a fol 54. Rigward in-nuqqas ta' passiv, il-konvenuti kollha apparti Victor Formosa jaqblu li sa fejn jafu huma m'hemmx passiv u dan ai termini tan-nota tagħhom a fol 176 tal-proċess. Victor Formosa ma'oġġezzjonax għal dan.

7. L-intier tal-art imsejħa "Tat-Tenewt" fil-limiti Ta' Kerċem, Għawdex, tal-kejl ta' circa tliet mija u tmienja u għoxrin metru kawdru (328 m.k.), tmiss mit-Tramuntana mas-Squq tal-Wardija, Punent ma' beni ta' Grigor Borg u Nofsinhar ma' beni ta' Angelo Grech;

8. L-intier tal-art imsejħa "Ta' Masika" fil-limiti Ta' Kerċem, Għawdex, tal-kejl ta' circa mitejn u seba' metri kwadri (207 m.k.), tmiss mill-Punent ma' beni ta' Salvu Spiteri, Nofsinhar ma' beni ta' Paul Tabone, u Tramuntana ma' beni ta' Carmelo Spiteri;

9. L-intier tal-art imsejħa "Ta' Masika" fil-limiti Ta' Kerċem, Għawdex, tal-kejl ta' circa mija u sittax-il metru kwadru (116 m.k.), tmiss mil-Lvant ma' beni ta' Salvu Spiteri, Punent ma' beni ta' Joseph Vella, u Tramuntana ma' beni ta' Carmelo Spiteri;

10. Nofs (½) indiviż minn porzjon art imsejħa "Taċ-Ċnus" fil-limiti Ta' Kerċem, Għawdex, tal-kejl ta' circa elfejn tmien mija u ħamsa u sebgħin metru kawdru (2,875m.k.) u tmiss mill-Punent ma' beni tal-eredi ta' Jospeh Fenech, in parti ma beni ta' terzi, min-Nofsinhar ma' beni tal-eredi ta' Joseph Fenech in parti u terzi in parti, Nofsinhar ma' beni ta' Salvu Axiaq,u mil-Lvant ma' beni ta' Ġorġ Spiteri u oħrajn;

11. Nofs (½) indiviż minn porzjon art imsejħa "Tat-Tafal" fil-limiti Ta' Kerċem, Għawdex, tal-kejl ta' circa erba' mija u tmienja u tletin metru kawdru (438 m.k.) u tmiss mill-Punent u Nofsinhar ma' beni tal-eredi ta' Ġużepp Azzopardi u mil-Lvant ma' beni ta' Francis Azzopardi;

12. Nofs (½) indiviż minn porzjon art imsejħa "Taċ-Ċnus" fil-limiti Ta' Kerċem, Għawdex, tal-kejl ta' circa seba' mija u

tnejn u għoxrin metru kwadru (722 m.k.) u tmiss mill-Punent u Nofsinhar ma' beni ta' Coronato Sultana u mit-Tramuntana ma' beni tal-eredi ta' Salvu Axiaq;

13. Wieħed minn disgħa (1/9) indiviża minn porzjon art imsejħa "Taċ-Ċnus" fil-limiti Ta' Kerċem, Għawdex, tal-kejl ta' circa elfejn mitejn u tletin metru kwadru (2,230 m.k.) u tmiss mil-Lvant ma' beni ta' Ġorġ Debrincat, Nofsinhar in parte ma' beni tad-decujus Ġorġ Formosa stess, u in parte ma' beni ta' terzi, u Punent ma' beni ta' Wenzu Spiteri;

14. Wieħed minn disgħa (1/9) indiviża minn porzjon art imsejħa "Tal-Villija" fil-limiti Ta' Kerċem, Għawdex, tal-kejl ta' circa seba' mija u tletin metru kwadru (730m.k.) u tmiss mil-Lvant ma' beni ta' Ġorġ Debrincat, Nofsinhar ma beni ta' Michaelangelo Formosa u oħrajn, u Tramuntana ma' beni tal-eredi ta' Ġanni Said;

15. Wieħed minn disgħa (1/9) indiviża minn porzjon art imsejħa "Ta' Taht it-Torri" fil-limiti Ta' Kerċem, Għawdex tal-kejl ta' circa elf mija u tmienja u tletin metru kwadru (1,138 m.k.) u tmiss mill-Punent u Tramuntana ma' passaġġ u Lvant ma' beni ta' Joseph Tabone;

16. Wieħed minn disgħa (1/9) indiviża minn porzjon art imsejħa "Ta' Ġanton" fil-limiti Ta' Kerċem, Għawdex, tal-kejl ta' circa erbgħa u ħamsin metru kwardu (54 m.k.) u tmiss min-Nofsinhar u Lvant ma' passaġġ u Punent ma' beni ta' Ġorġ Gatt;

17. Wieħed minn disgħa (1/9) indiviża minn porzjon art imsejħa "Ta Berrini" fil-limiti Ta' Kerċem, Għawdex, tal-kejl ta' circa elfejn mitejn u disgħin metru kwadru (2,290 m.k.) u tmiss mit-Tramuntana ma' Triq Qasam San Ġorġ u mill-irjieħ l-oħra ma' beni tal-eredi ta' Celestino Cassar;

18. Wieħed minn disgħa (1/9) indiviża minn porzjon art imsejħa "Ta Berrini" fil-limiti Ta' Kerċem, Għawdex, tal-kejl ta' circa mija u sebgħa u tmenin metru kwadru (187 m.k.) u tmiss mill-irjieħ kollha ma' beni tal-eredi ta' Celestino Cassar;

19. Wieħed minn disgħa (1/9) indiviża minn porzjon art imsejħa "Tal-Wardija" fil-limiti ta' San Lawrenz, Għawdex, tal-kejl ta' circa ħames mija u tlieta u ħamsin metru kwadru (553 m.k.) u tmiss mill-Punent ma' beni ta' Francesco Spiteri u Tramuntana u Nofsinhar ma' beni ta' Maria Mizzi;

20. Wieħed minn disgħa (1/9) indiviża minn porzjon art imsejħa "Tas-Saghtrija" fil-limiti Ta' Kerċem, Għawdex, tal-kejl ta' circa erba' mija u tlieta u disgħin metru kwadru (493 m.k.) u tmiss mit-Tramuntana ma' beni ta' Salvu Spiteri, Punent ma beni ta' Ġorġ Tabone u Nofsinhar mal-kosta;

21. Wieħed minn disgħa (1/9) indiviża minn porzjon art imsejħa "Tal-Ghajn" fil-limiti tal-Munxar, Għawdex, tal-kejl ta' circa mitjen u tnax-il metru kwadru (212 m.k.) u tmiss mill-Punent ma' beni ta' Salvu Formosa, Lvant ma' beni ta' Joseph Buhagiar, u Tramuntana ma' beni ta' Ġorġ Borg;

22. Wieħed minn disgħa (1/9) indiviża minn porzjon art imsejħa "Tal-Għajn" fil-limiti tal-Munxar, Għawdex, tal-kejl ta' circa tliet mija u tnejn u erbgħin metru kwadru (342 m.k.) u tmiss min-Nofsinhar u Lvant ma' beni ta' Ġorġ Borg, Tramuntana ma' beni ta' Ġorġ Tabone u Punent ma' beni tal-eredi ta' Ġorġ Formosa;

23. Wieħed minn disgħa (1/9) indiviża minn porzjon art imsejħa "Ta' Qġiega" fil-limiti Ta' Kerċem, Għawdex, tal-kejl ta' circa mija u erbgħa u sitting metru kwadru (164 m.k.)

u tmiss min-Nofsinhar u Tramuntana ma' beni ta' Joseph Buhagiar u Punent ma' beni ta' Joseph Vella;

24. Wieħed minn disgħa (1/9) indiviża minn porzjon art imsejħa "Ta' Boros" fil-limiti Ta' Kerċem, Għawdex, tal-kejl ta' circa elf seba' mija u erbgħin metru kwadru (1,740 m.k.) u tmiss mil-Lvant ma' beni ta' Guzepp Grech, Nofsinhar u Punent ma' beni ta' John Sciberras;

25. Wieħed minn disgħa (1/9) indiviża minn porzjon art imsejħa "Tal-Gonna" fil-limiti ta' San Lawrenz, Għawdex, tal-kejl ta' circa sitt mija u ħamsa u ħamsin metru kwadru (655 m.k.) u tmiss min-Nofsinhar mas-Sqaq tal-Wardija, Punent ma beni ta' Ġorġ Debrincat u Lvant ma' beni tal-eredi ta' Ġużepp Azzopardi;

26. Wieħed minn disgħa (1/9) indiviża minn porzjon art imsejħa "Ta Summiena" fil-limiti Ta' Kerċem, Għawdex, tal-kejl ta' circa seba' mija u wieħed u ħamsin metru kwadru (751 m.k.) u tmiss mit-Tramuntana ma' beni ta' Joseph Gauci, Lvant ma' beni ta Kelinu Azzopardi, u Nofsinhar ma' beni ta' Girgor Spiteri u oħrajn;

27. Wieħed minn disgħa (1/9) indiviża mill-lok ta' djar numru 11, 12, u 13 b'remissa b'bieb mingħajr numru u li ma tinfidx għall-imsemmija fondijiet u li għandha għoli ta' circa tmintax(18)-il filata u hija skontrata, ilkoll fi Sqaq Xirfi, Santa Lucija, Kerċem, Għawdex;

28. Wieħed minn disgħa (1/9) indiviża mill-lok ta' djar bla numru fi Triq Santa Lucija, Santa Lucija, Ta' Kerċem, Għawdex li jmiss min-Nofsinhar mat-triq, Lvant ma' beni ta' Anthony Sultana, u Punent ma' beni tal-eredi ta' Assunta Stellini;

***Il-proprjetajiet imniżżla fil-paragrafi 13—28 (inklużi) huma suġġetti għall-użufrutt ta' ħut id-decujus u ċjoè Rita Formosa, Maria Formosa, u Grazia Formosa skont id-dikjarazzjoni causa mortis a fol 65 tal-proċess.***

29. Art imqabbla lid-defunt Giorgio Formosa f'Ta' Kerċem, kontrada magħrufa bħala iċ-Ċnus; kif tidher immarkata bil-kulur blu fid-dokument JF10;

30. Art imqabbla lid-defunt Giorgio Formosa fil-Munxar, kontrada magħrufa bħala Tax-Xlendi; kif tidher immarkata bil-kulur blu fid-dokument JF10;

31. Art imqabbla lid-defunt Giorgio Formosa f'Ta' Kerċem, kontrada magħrufa bħala Ta' Summiena/iċ-Ċnus; kif tidher immarkata bil-kulur blu fid-dokument JF11;

32. Art imqabbla lid-defunt Giorgio Formosa f'Ta' Kerċem, kontrada magħrufa bħala Ta' Villija; kif tidher immarkata bil-kulur blu fid-dokument JF12;

33. Art imqabbla lid-defunt Giorgio Formosa f'Ta' Kerċem, kontrada magħrufa bħala Qasam San Ġorġ; kif tidher immarkata bil-kulur blu fid-dokument JF13;

34. Art imqabbla lid-defunt Giorgio Formosa f'San Lawrenz, kontrada magħrufa bħala Ta' Ħarrux; kif tidher immarkata bil-kulur isfar fid-dokument JF14 u tinkludi mansab li jidher immarkat bl-iswed u b'salib fuqu;

35. Art imqabbla lid-defunt Giorgio Formosa fil-Munxar, kontrada magħrufa bħala Tax-Xlendi; kif tidher immarkata bil-kulur isfar fid-dokument JF15 u tinkludi mansab li jidher immarkat bl-iswed u b'salib fuqu;

36. Sehem f'wirt ġej mis-suċċessjoni ta' Francesco Formosa li għad irid jiġi likwidat skont il-proċeduri pendent quddiem din l-Onorabbli Qorti kif diversament presjeduta fil-kawża fl-ismijiet Rita Gauci et -vs- Gregory Formosa et [Rik. Gur. Nru. 96/2011];

*In kwantu jirrigwarda lil Carmela Formosa*:[87]

37. Flejjes li Carmela Formosa kellha fil-banek lokali (f'xi waqtiet waqt l-andament tal-kawża saret ukoll referenza għall-possibiltà ta' flejjes miżmuma fid-dar matrimonjali numru 33, Triq Sarġ, Ta' Kerċem, Għawdex);

38. Nofs (½) indiviż minn biċċa raba' msejħa "Taċ-Ċnus", limiti Ta' Kerċem, Għawdex, tal-kejl ta' circa elfejn tmien mija u ħamsa u sebgħin metru kwadru (2,875 m.k.), konfinanti mill-Punent ma' beni tal-eredi ta' Joseph Fenech in parti u terzi in parti, Nofsinhar ma' beni tal-eredi ta' Salvu Axiaq, u Lvant ma' beni ta' Ġorġ Spiteri, Ġorġ Debrincat u oħrajn;

39. Nofs (½) indiviż minn biċċa raba' msejħa "Tat-Tafal", limiti Ta' Kerċem, Għawdex, tal-kejl ta' circa erba' mija u tmienja u tletin metru kwadru (438 m.k.), konfinanti mill-Punent u Nofsinhar ma' beni tal-eredi ta' Ġużepp Azzopardi u mil-Lvant ma' beni ta' Francis Azzopardi;

40. Nofs (½) indiviż minn biċċa raba' msejħa "Taċ-Ċnus", limiti Ta' Kerċem, Għawdex, tal-kejl ta' circa seba' mija u tnejn u għoxrin metru kwadru (722 m.k.), konfinanti mill-Punent u min-Nofsinhar ma' beni tal-eredi ta' Coronato Sultana u mit-Tramuntana ma' beni tal-eredi ta' Salvu Axiaq;

41. L-intier tar-raba' msejħa "Ta' Xellul" fil-limiti Ta' Kerċem, Għawdex, tal-kejl ta' circa mitejn u ħamsa u ħamsin metru

[87] Skont l-istess nota a fol 54.

kwadru (255 m.k.), konfinanti mill-Punent u Nofsinhar ma' beni li qed jinħadem minn Salvu Mercieca u mit-Tramuntana ma' beni li qed jinħadem minn Gregory Camilleri."

In vista ta' din il-lista estensiva ta' proprjetajiet, l-attur ġie ordnat jippreżenta r-riċerki relattivi,[88] u dan in vista tal-eċċezzjonijiet imqajma mill-konvenuti rigward il-ħtiega li jiġu stabbiliti b'ċertezza il-provenjenza tal-assi u b'hekk l-porzjonijiet kollha in diviżjoni.

Il-Qorti tinnota iżda li riċerki addizzjonali intavolati mill-attur kienu biss relattivi għall-ġenituri tal-partijiet[89]. Imbagħad b'nota tas-17 ta' Ottubru 2014[90] l-attur ikkonferma li għajr għad-dokumenti diġà esibiti minnu, jiġifieri , il-lista tal-assi a fol 54, il-*causa mortis* tal-missier a fol 65 u l-*causa mortis* tal-omm a fol 95 kif ukoll ir-riċerka ulterjuri rigward l-istess ġenituri tal-partijiet kontendenti a fol 101 tal-proċess, huwa ma kien fadallu ebda dokumenti relevanti għat-talbiet tiegħu x'jesibixxi. Minbarra hekk b'rikors tat-23 ta' Diċembru 2015[91] l-attur ppremetta li l-proprjetajiet għad-diviżjoni li għandhom jiġu valutati mill-perit maħtur mill-Qorti għandhom ikunu limitati għal dawk deskritti fil-paragrafi 7, 8, 9, 10, 11, 12, 38, 39, 40, u 41 *supra*.

Il-Qorti tinnota wkoll li rigward il-kumplament tal-proprejatijiet fil-lista l-attur ippremetta[92], illi fejn dawn huma miżmuma in komproprjetà indiviża ma' terzi inkluż familljari tad-defunt Giorgio Formosa fi kwota ta' wieħed minn tmienja (1/8) indiviż favur Giorgio Formosa u sebgħa minn tmienja (7/8) indiviż favur tagħhom, jew l-aventi kawża tagħhom,

[88] Verbal a fol 100 tal-proċess.
[89] Nota a fol 101 tal-proċess.
[90] A fol 159 tal-proċess.
[91] A fol 202 tal-proċess.
[92] Rikors tat-23 ta Diċembru, 2015.

dawn għandhom jiġu esklużi mill-valutazzjoni peritali (ergo min din l-istanza) stante li semmai tali qasma trid issir b'kawża apposità fejn jiġu involuti l-familljari tad-defunt Giorgio Formosa. L-istess afferma fir-rigward tal-proprjetajiet li kienu miżmuma bi qbiela minn missier il-partijiet fejn żied jgħid li dawn iridu jiġu stabbiliti qabel ma ssir l-istima tal-perit. [93]

Il-Qorti tinnota wkoll li tul il-proceduri il-partijiet fil-kawża biddlu aktar minn darba l-pożizzjoni tagħhom rigward l-immobbli li kellhom jkunu ghad-diviżjoni.[94] Din il-Qorti però ser tqis unikament dawk l-assi illi fil-konfront tagħhom ġew ippreżentati r-riċerki. Tqis ukoll li l-konvenut Victor Formosa ddikjara li huwa *"jaqbel mar-rikorrenti sabiex l-inkarigu tal-Perit Joseph Grech jiġi limitat għall-assi li kienu proprjetà fl-intier tagħhom ta' Giorgio u Carmela konjugi Formosa"*.[95]

Tenut kont ta dan kollu il-Qorti hija tal-fehma illi l-proprjetà li għandha tiġi valwata u kkunsidrata għall-qasma f'dawn il-proċeduri hija s-segwenti:

1. L- art imsejħa "Tat-Tenewt" fil-limiti Ta' Kerċem, Għawdex, tal-kejl ta' circa tliet mija u tmienja u għoxrin metru kwadru (328m.k.), tmiss mit-Tramuntana mas-Sqaq tal-Wardija, Punent ma' beni ta' Grigor Borg u Nofsinhar ma' beni ta' Angelo Grech;

2. L-art imsejħa "Ta' Masika" fil-limiti Ta' Kerċem, Għawdex, tal-kejl ta' circa mitejn u sebbħa metru kwadru (207 m.k.), tmiss mill-Punent ma' beni ta' Salvu Spiteri, Nofsinhar ma' beni ta' Paul Tabone, u Tramuntana ma' beni ta' Carmelo Spiteri;

---

[93] It-talba tal-attur intlaqgħet b'digriet tal-20 ta' Jannar, 2016.
[94] Ara r-risposta tal-konvenuti kollha għajr Victor Formosa a fol 210 tal-proċess.
[95] A fol 209 tal-proċess.

3. L-art imsejħa "Ta' Masika" fil-limiti Ta' Kerċem, Għawdex, tal-kejl ta' circa mija u sittax-il metru kwadru (116 m.k.), tmiss mil-Lvant ma' beni ta' Salvu Spiteri, Punent ma' beni ta' Joseph Vella, u Tramuntana ma' beni ta' Carmelo Spiteri;

4. L-art imsejħa "Taċ-Ċnus" fil-limiti Ta' Kerċem, Għawdex, tal-kejl ta' circa elfejn tmien mija u ħamsa u sebgħin metru kwadru (2,875m.k.) u tmiss mill-Punent ma' beni tal-eredi ta' Joseph Fenech, in parti ma' beni ta' terzi, min-Nofsinhar ma' beni tal-eredi ta' Salvu Axiaq,u mil-Lvant ma' beni ta' Ġorġ Spiteri u oħrajn;

5. L-art imsejħa "Tat-Tafal" fil-limiti Ta' Kerċem, Għawdex, tal-kejl ta' circa erba' mija u tmienja u tletin metru kwadru (438 m.k.) u tmiss mill-Punent u Nofsinhar ma' beni tal-eredi ta' Ġużepp Azzopardi u mil-Lvant ma' beni ta' Francis Azzopardi;

6. L-art imsejħa "Taċ-Ċnus" fil-limiti Ta' Kerċem, Għawdex, tal-kejl ta' circa sebgħa mija u tnejn u għoxrin metru kwadru (722 m.k.) u tmiss mill-Punent u Nofsinhar ma' beni ta' Coronato Sultana u mit-Tramuntana ma' beni tal-eredi ta' Salvu Axiaq;

7. L-art msejħa "Ta' Xellul" fil-limiti Ta' Kerċem, Għawdex, tal-kejl ta' circa mitejn u ħamsa u ħamsin metru kwadru (255 m.k.), konfinanti mill-Punent u Nofsinhar ma' beni li qed jinħadem minn Salvu Mercieca u mit-Tramuntana ma' beni li qed jinħadem minn Gregory Camilleri.[96]

---

[96] Fil-konfront ta' dawn il-propjetajiet 1 sa 3 mal-causa mortis ta' missier il-partijiet kontendenti magħmulha nhar it-28 ta' Jannar, 1997[96] stante li dawn kien ġejjin mingħand missierhom, u għall-proprjetajiet fil-paragrafi 4 sa 6 mal-causa mortis ta' missierhom magħmulha nhar it-28 ta' Jannar, 1997 u ta' ommhom magħmulha nhar 19 ta' Ġunju 2012 stante li dawn, (anke bi qbil tal-konvenuti kollha apparti Victor Formosa li ma pprunanzjax ruħu dwar dan),[96] kienu nxtraw mill-ġenituri tagħhom fiż-żwieġ u b'referenza għall-proprjetà numru 7 mal-causa mortis ta'

Mir-rapport redatt mill-Perit Joseph Grech[97] liema rapport din il-Qorti qed tagħmlu tagħha jirriżulta s-segwenti:

1. L-art agrikola msejħa "Tat-Tenewt" fil-limiti Ta' Kerċem, Għawdex, tal-kejl ta' circa tliet mija u tmienja u għoxrin metru kwadru (328 m.k.), tmiss mas-Sqaq tal-Wardija li huwa wiesa' madwar tnejn punt erbgħa żero metri (2.40m) u jipprovdi aċċess komdu — **valur tlitt elef ħames mitt ewro (€3,500)**;

2. L-art agrikola msejħa "Ta Masika" fil-limiti Ta' Kerċem, Għawdex, tal-kejl ta' circa mitejn u sebgħa metri kwadri (207 m.k.), li għandha aċċess bir-riġel minn passaġġ wiesa' madwar metru li jisbokka fi triq publika — **valur elf seba' mija u ħamsin ewro (€1,750)**;

3. L-art agrikola msejħa "Ta' Masika" fil-limiti Ta' Kerċem, Għawdex, tal-kejl ta' circa mija u sittax-il metru kwadru (116 m.k.), li għandha aċċess bir-riġel minn fuq proprjetà ta' terzi u b'bir ta' użu komuni ta' madwar tliet metri (3m) fond liema bir, skont il-konvenuti, ma jżommx ilma — **valur elf ewro (€1,000)**;

4. L-art agrikola msejħa "Taċ-Ċnus" fil-limiti Ta' Kerċem, Għawdex, tal-kejl ta' circa elfejn u tmien mija u ħamsa u sebgħin metru kwadru (2,875m.k.) bi dritt ta' aċċess minn fuq art ta' terzi u tinkludi kamra żgħira mibnija bil-kantun li tista' tintuża bħala '*agricultural store*' — **valur ħamsa u għoxrin elf ewro (€25,000)**;

ommhom magħmulha nhar id-19 ta' Ġunju 2012 stante li din kienet ġejja minghand ommhom.

[97] A fol 228 tal-proċess.

5. L-art agrikola msejħa "Tat-Tafal" fil-limiti Ta' Kerċem, Għawdex, tal-kejl ta' circa erba' mija u tmienja u tletin metru kwadru (438 m.k.) u b'aċċess minn fuq proprjetà ta' terzi — **valur tlitt elef tliet mitt ewro (€3,300)**;

6. L-art agrikola msejħa "Taċ-Ċnus" fil-limiti Ta' Kerċem, Għawdex, tal-kejl ta' circa seba' mija u tnejn u għoxrin metru kwadru (722 m.k.) li tinsab qrib porzjon oħra "Taċ-Ċnus" msemmija supra u b'aċċess minn fuq proprjetà ta' terzi b'tolleranza — **valur ħamest elef ħames mitt ewro (€5,500)**;

7. L-art agrikola msejħa "Ta' Xellul" fil-limiti Ta' Kerċem, Għawdex, tal-kejl ta' circa mitjen u ħamsa u ħamsin metru kwadru (255 m.k.) li għandha aċċess bir-riġel minn sqaq u hija soġġetta għad-dritt ta' passaġġ ta' terzi — **valur elf tmien mitt ewro (€1,800)**.

Il-Qorti tosserva li ma ntalbet ebda eskussjoni tal-Perit, u wisq anqas intalbet xi perizja perizjuri u għalhekk tqis li allura l-partijiet aċċettaw dawn l-istejjem.

Il-Qorti f'dan l-istadju tqis opportun li tikkummenta dwar it talba tal-konvenut Victor Formosa[98] sabiex mal-lista tal-propjetajiet ġa evalwati mill-Perit maħtur minnha tiżdid xi raba' oħra.

Tajjeb jingħad illi mill-provi akkwiżiti[99] jirriżulta li propjetà minn dawk identifikati minn Victor Formosa parti minnha kienet qbiela għand missierhom mingħand il-Patrijiet Karmelitani tal-Imdina u li din inqalbet minn missierhom fuq tnejn mill-aħwa—il-konvenuti Gregory u Emanuel. Dan it-trasferiment jirriżulta li sar f'ħajjet missierhom u, għaldaqstant,

[98] rikors 16 ta' Marzu, 2016.

[99] Ara affidavit ta' Gregory Formosa u dokumenti a fol 400 et seq tal-proċess u xhieda ta' Dr Veronica Aquilina, *Property Manager* mal-Provincja Karmelitana, u d-dokumenti esibiti minnha a fol 510 tal-proċess.

bir-rieda tiegħu u bil-fakoltà sħiħa li kellu li tul ħajtu seta' jiddisponi mill-proprjetà miżmuma minnu kif xtaq. Din il-propjetà għalhekk illum tgħajjat lil dawn iż-żewġ konvenuti partikolari u għalhekk ma hix soġġetta għad-diviżjoni.

Jirriżulta wkoll, u dan minn kuntratt esibit fl-atti li parti oħra estensiva ta' din l-art ġiet akkwistata direttament mill-poter ta' terzi minn uħud mill-aħwa indipendentement mill-aħwa l-oħrajn u minn missier il-partijiet.

Minn analiżi tal-atti u mix-xhieda kollha prodotta jidher ċar ukoll li proprjetajiet varji u estensivi oħra kienu u għadhom indiviżi bejn il-partijiet bħala aventi kawża ta' missierhom, u familjari tagħhom inkluż zijiet u kuġini min-naħa ta' missierhom. Minkejja l-fatt li kulħadd qed jaħdem porzjon minn dawn il-proprjetaijiet, madankollu għadha ma saret l-ebda diviżjoni u assenjazzjoni tal-ishma varji li kull parti tgawdi u għalhekk l-ishma għadhom kollha għadhom qed jitgawdew indiviżament.[100]

Rigward għalqa oħra, imsemmija mill-attur[101] wara li l-perit ikkonkluda r-rapport tiegħu, liema għalqa hija ta' madwar ħamest (5) itmiem, b'*borehole* fiha reġistrata f'isem il-konvenut Francis Xavier Formosa, jirriżulta li din l-art tinsab bi qbiela għand l-aħwa mingħand Joseph Micallef u li m'hijiex unikament wirt tal-partijiet kontendenti ġej mill-ġenituri tagħhom.

Il-Qorti ttenni għalhekk dak li diġà ddikjarat illi l-ambjenti li qed jitgwadew mill-kontendenti fil-kawża f'ismha indiviżi ma' terzi

[100] Infatti ġew esibiti ittra uffiċjali u ittra responsiva li jindikaw proprju li kien hemm pretensjonijiet rigward il-wirt u s-suċċessjoni tan-nanniet paterni tal-partijiet kontendenti. Minn naħa l-oħra, il-konvenuti kollha, eskluż Victor Formosa, konsistentement xehdu li anke jekk kulħadd jaf fejn jista' jahdem, dan mhux għax saret qasma bil-miktub u jekk tintalab li ssir qasma, kif fil-fatt sar bl-ittra uffiċjali msemmija, huma ma joġġezzjonawx.

[101] A fol 250 tal-proċess.

ma jistgħux jiffurmaw parti mill-massa tal-ġenituri tal-kontendenti fil-kawża. Għaldaqstant, il-proprjetajiet li jiffurmaw il-massa għad-diviżjoni jibqgħu dawk valutati mill-perit maħtur minnha.

Rigward il-każistika kwotata mill-attur fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu[102] il-qorti tqis li din ma hix applikabli għall-każ in kwistjoni billi tirtratta raba' miżmum bi qbiela bejn l-istess nies kontendenti fil-kawża għad-diviżjoni li f'din l-istanza mhux il-każ. F'dan il-każ, l-art li tirriżulta indiviża hija hekk indiviża bejn il-partijiet kontendenti u terzi li ma hux parti f'dawn il-proċeduri.

Tant dwar l-assi immobbli. Il-Qorti issa sejra tqis l-assi l-oħra msemmija mill-attur u ċjoè:

1. Flejjes li missier il-partijiet kontendenti Giorgio Formosa u ommhom u ommhom Carmela Formosa kellhom fil-banek lokali (f'xi waqtiet waqt l-andament tal-kawża saret ukoll referenza għall-possibiltà ta' flejjes miżmuma fid-dar matrimonjali numru 33, Triq Sarġ, Ta' Kerċem, Għawdex);

2. Għodda li kellu missier il-kontendneti Giorgio Formosa u li jinsabu fil-fond 11, 12 u 13 u r-remissa bla numru fi Sqaq Xirfi, Ta' Kerċem, Għawdex;

3. Żewġ karrettuni tal-injam;

4. Cirka erbatax(14)-il bettija tal-injam;

5. Vann tal-għamla Isuzu tal-kulur abjad;

6. Moħriet tal-kulur aħmar.

---

[102] Victor Caruana et vs Michelina Cachia pro et noe, App. Ċiv. Nru. 621/2005/1, deċiża 27/06/2008.

Il-Qorti rat l-assjem tal-provi prodotti u jirriżulta illi flus u investimenti fil-banek f'isem il-ġenituri tal-partijiet kontendenti ma kienx hemm.

Rigward is-sussidji u flus moħbija f'xi saqqu l-Qorti ma tistax ma tinnutax l-inkonsistenzi f'dawn it-testimonjanzi kif ukoll ix-xhieda konsistenti ta' rappreżentanti minn dipartimenti tal-biedja li lkoll xehdu li kwalunkwe benefiċċju f'forma ta' sussidju li jingħata lil bdiewa jingħata fuq dikjarazzjoni tal-bidwi li qiegħed isir xogħol f'xi raba' u allura dan ifisser li s-sussidju huwa korrispettiv għal xogħol li sar minn min qed jaħdem[103] u li għalhekk għandu dritt għalih biss min jkun qiegħed jaħdem. Il-Qorti għalhekk tqis li s-sussidju ma hux ass in diviżjoni.

Barra minn hekk jirriżulta wkoll li l-partijiet kontendenti mhux biss qablu rigward min kien ikun jaħdem ir-raba' iżda anke x'kien jiġri bil-flus, ossia, li dawn, sostanzjalment, kienu jmorru lejn sabiex ikopru l-ispejjeż varju tal-ġenituri tagħhom.

Saru wkoll xi riferimenti għal-pensjonijiet u benefiċċji tal-mard li l-ġenituri tal-kontendenti setaw kienu jieħdu. Jingħad iżda li kif jirriżulta mix-xhieda relattiva[104] tali benefiċċji ttieħdu biss, naturalment, tul il-ħajja tal-ġenituri tal-partijiet kontendenti li allura bihom setgħu għamlu kull ma riedu.

Rigward għodod li allegatament kellu missier il-partijiet kontendenti, dawn issemmew darba biss u ma nġabet ebda prova f'dan ir-rigward.

---

[103] Fuq dan jaqbel anke l-attur inniffsu inkluż fix-xhieda tiegħu a fol 602 fejn jaċċetta li r-raba' kien jinħadem minn ħutu Francis Xavier, Michael, Gregory, Nicholas, u Emanuel u li s-sussidju kienu jeħduh ħutu li semma għax huma kienu jaħdmu l-għelieqi.

[104] Ara in partikolari x-xhieda ta' Dr Sean Meli a fol 538 tal-proċess.

Rigward karrettuni tal-injam, il-konvenuti kollha apparti Victor Formosa jgħidu li missierhom ma kellux bhejjem tat-tagħbija u għalhekk ma kellux karrettuni.[105] Jinghad ulterjorment li dawn issemmew darba biss fl-ewwel nota b'elenku ta' proprjetajiet magħmulha mill-attur u ma nġabet ebda prova tal-eżistenza tal-karrettuni msemmija.

Rigward circa erbatax(14)-il bettija tal-injam, il-konvenuti kollha apparti Victor Formosa jikkonfermaw li kien hemm numru ta' btieti iżda numru minn dawn huma tagħhom stante li kienu nxtraw minnhom u fi kwalunkwe kaz il-valur tagħhom illum huwa negliġibbli peress li jinstabu fi stat ħażin stante li ilhom ma jintużaw.[106] Apparti dan, dawn issemmew darba biss f'din l-ewwel nota b'elenku ta' proprjetajiet magħmulha mill-attur u qatt ma reġgħu ssemmew u wisq anqas tressqu provi fir-rigward.

Rigward il-vettura tal-għamla ISUZU u l-kulur abjad, dan ukoll issemma darba biss fl-elenku ta' proprjetajiet magħmulha mill-attur u ma nġibet ebda prova tal-eżistenza tiegħu. L-uniku *log book* fil-proċess huwa ta' vettura rreġistrata lil Victor Formosa. Apparti dan, il-konvenuti kollha apparti Victor Formosa jiddikjaraw li missierhom anqas biss qatt kellu liċenzja tas-sewqan u għalhekk wisq anqas qatt saq vetturi.[107] Il-konvenut Victor Formosa stess jgħid fix-xhieda tiegħu li għal-laqgħa mal-Patrijiet Karmelitani kellu jsuq huwa. Jgħid ukoll li huwa biss kellu karozza allura l-familja kienet tiddependi ħafna fuqu. Minn naħa l-oħra, fuq dan it-trakk u l-eżistenza tiegħu anqas ma nġabet ebda prova.

[105] Ara n-nota tagħhom a fol 176 tal-proċess.
[106] Ara n-nota tagħhom a fol 176 tal-proċess.
[107] Ara n-nota tagħhom a fol 176 tal-proċess.

Rigward il-mohriet ta' kulur aħmar u l-allegata eżistenza tiegħu din il-Qorti tagħmel l-istess kunsiderazzjonijiet magħmulha fil-konfront tal-allegata eżistenza tal-vann tal-għamla ISUZU.

In aġġunta ma dawn, fix-xhieda tiegħu tad-19 ta' Mejju 2017, a fol 362 tal-proċess, Gregory Formosa jiddikjara li missieru kien xtara moħriet bil-karru. Fuq dan ukoll ma nġibet ebda prova tal-eżistenza tiegħu u fejn jinsab.

Il-Qorti ser tgħaddi issa sabiex tqis il-prelegat imħolli minn omm il-partijiet lil Francis Xavier Formosa u dan billi għalkemm l-attur irtira l-ħames u s-sitt talbiet tiegħu[108] l-eċċezzjoni 1(a) tal-konvenuti kollha apparti Victor Formosa ma ġietx ugwalment irtirata.

Jirrizulta li Francis Xavier Formosa akkwista mingħand ommu b'titolu ta' *datio in solutum* il-proprjetà 33, Triq Sarġ, Ta' Kerċem, Għawdex u dan b'kuntratt tad-9 ta' Lulju 2003 in atti Nutar Kristen Dimech.[109] Minkejja dan, it-testment ta' omm il-partijiet Carmela Formosa tal-20 ta' Marzu 1997 in atti Nutar Paul George Pisani[110] ma ġiex varjat. It-tieni artikolu tat-testment imsemmi jipprovdi illi:

*"it-testatrici thalli b'titolu ta' prelegat a favur binha Francis Xavier Formosa, bid-dritt ta' sostituzzjoni volgari tar-rispettivi eventwali uliedu f'kas ta' premorienza ghat-testatrici, d-dar tar-residenza tagħha numru tlieta u tletin (33) fi Triq Sarg, Kercem, Għawdex bi tlett (3) bibien oħra bla numru, bil-mandra annessa, bl-oġġetti mobbli kollha fiha kontenuti a limine intus, esklużi biss flus in moneta kontanti u oġġetti tad-deheb, fidda u hagar prezzjuz. It-testatrici tiddikjara li qieghda tordna dana l-prelegat* ***biex b'xi mod tpatti lill-prelegatarju imsemmi ghas-servigi, kuri u assistenzi kollha li l-***

108 Fis-seduta tas-17 ta' Ġunju, 2017.
109 A fol 29 tal-proċess.
110 A fol 14 tal-proċess.

***prelegatarju imsemmi irrenda lit-testatrici u lill-mejjet zewggha u ta' dak li ghad jista' jirrendi lit-testatrici fil-futur****. Inoltre tiddikjara li jista jkun li xi parti mill-oġġetti mobbli kontenuti fl-imsemmija dar tar-residenza tagħha jiffurmaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti gia ezistenti bejnha u bejn zewggha iżda hija xorta wahda trid u tordna li dana l-prelegat jiġi konsegwit fl-interezza kollha tiegħu mill-prelegatarju msemmi"* [enfażi miżjuda]

Jirriżulta għalhekk ċar li l-intenzjoni tat-testatriċi kienet illi Francis Xavier Formosa jiġi kkumpensat għas-serviġi, kuri u assistenzi reżi lilha qabel u dawk li seta' rrendilha wara li kitbet it-testment tagħha, kif ukoll dawk reżi lil żewġha f'ħajtu. Jirriżulta ugwalment ċar li fil-kuntratt ta' *datio in solutum* l-istess Francis Xavier Formosa ma ħallasx il-valur attribwit lill-proprjetà trasferita. It-trasferiment ta' *datio in solutum,* li allura f'dan il-każ ma tistax titqies bħala transazzjoni magħmulha bi ħlas, seħħ *"bi tpattija għall-kuri u assistenzi illi l-akkwirenti Francis Formosa ilu għal ħafna snin jirrendilha u li għalihom qatt ma ġie ikkumpensat"*.[111] Dan juri b'mod ċar li l-intenzjoni li riedet tilħaq omm il-kontendenti bit-testment tagħha, effettivament intlaħqet qabel il-mewt tagħha bil-kuntratt ta' *datio in solutum* u ċertament m'hemmx lok li dan id-debitu hekk allura saldat, jerġa' jiġi mħallas.[112] Barra minn hekk il-konvenut Francis Xavier Formosa, bil-kuntratt imsemmi kien diġà daħal fil-pussess tal-immobbli imħolli lilu fit-testment u għalhekk ma hemm l-ebda lok li ssir l-immissjoni fil-pussess u konsegwentement it-talba tal-attur li dan il-konvenut jiġi immess fil-pussess ser tiġi miċħuda.

Fid-dawl ta dawn il-kunsiderazzjonijiet ukoll il-Qorti tqis li l-eċċezzjoni 1(a) tal-konvenuti kollha apparti Victor Formosa kif

---

[111] Klawsola (ii) fit-tieni paġna tal-kuntratt ta *datio in solutum* a fol 30 tal-proċess.

[112] Ara wkoll id-deċiżjoni fl-ismijiet Peter Paul Muscat et vs Francis Muscat et deċiża minn din il-Qorti kif diversament presjeduta nhar it-8 ta' Frar 2008.

ukoll is-sottomissjonijiet tagħhom fin-nota finali tagħhom dwar dan ma jimmeritawx li jiġu trattenuti.

Rigward dik il-parti tat-tieni artikolu tat-testment ta' omm il-partijiet kontendenti li taqra *"Inoltre tiddikjara li jista jkun li xi parti mill-oġġetti mobbli kontenuti fl-imsemmija dar tar-residenza tagħha jiffurmaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti gia ezistenti bejnha u bejn zewggha iżda hija xorta wahda trid u tordna li dana l-prelegat jiġi konsegwit fl-interezza kollha tiegħu mill-prelegatarju msemmi"*, din il-Qorti tqies li ladarba l-*legato di cosa altrui,* jorbot lill-eredi sabiex jew jakkwistaw dak l-oġġett li ma jkunx tat-testatur sabiex jiddisponi minnu bit-testment tiegħu u jgħaddu l-istess lill-legatarju jew li jħallsu l-valur tal-istess lil-legatarju, f'dan il-każ, u tenut kont tal-fatt li l-eredi huma l-aħwa kontendenti stess, bi Francis Xavier Formosa ilu fil-proprjetà ta' ommu għomru, din il-parti tal-prelegat ġiet onorata stante li l-pussess tal-kontenut tal-istess dar mħollija bil-prelegat lill Francis Xavier Formosa ġie awtomatikament għandu malli avverat ruħha l-proviżjoni testamentarja relattiva għall-prelegat.

Rigward it-talba tal-attur sabiex l-assi tal-ġenituri jinqasmu b'mod ugwali bejn il-partijiet din il-Qorti xtarret sewwa din it-talba. Jirriżulta li l-assi in diviżjoni huma sebgħa (7), mentri partijiet fil-kawża huma tmienja (8) u għaldaqstant hija tal-fehma illi l-assi immobbli ma jistgħux jiġu maqsuma mingħajr xkiel u bla ħsara, kif lanqas ma tista' ssir tpattija b'beni oħra in komun ta' xorta differenti iżda tal-istess valur. A bażi ta' dan il-Qorti ser tkun qed tordna li l-beni immobbli kollha in diviżjoni għandhom jiġu mibjugħa b'liċitazzjoni bl-ammissjoni ta' oblaturi estranei sabiex imbagħad ir-rikavat jinqasam bejn il-partijiet fil-kawża fi kwoti ndaqs bejniethom jiġifieri kull parti fil-kawża jmissha sehem wiehed minn tmienja tar-rikavat (1/8). Ser tkun qed tordna wkoll illi bħala valur għall kull immobbli għandu jittieħed dak kif jirrizulta mir-rapport peritali.

**Decide:**

Għaldaqstant in vista tal-premess u l-motivi ġa espressi din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

1) Tilqa' l-ewwel talba limitatament u filwaqt li tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti ġa eżistenti bejn il-miżżewġin Giorgio u Carmela Formosa tiddikjara li din tikkonsisti:

   i) fl-art agrikola msejħa "Taċ-Ċnus" fil-limiti Ta' Kerċem, Għawdex, tal-kejl ta' circa elfejn tmien mija u ħamsa u sebgħin metru kwadru (2,875 m.k.) bi dritt ta' aċċess minn fuq art ta' terzi u tinkludi kamra żgħira mibnija bil-kantun li tista' tintuża bħala '*agricultural store*' — **valur ħamsa u għoxrin elf ewro (€25,000)**;

   ii) l-art agrikola msejħa "Tat-Tafal" fil-limiti Ta' Kerċem, Għawdex, tal-kejl ta' circa erba' mija u tmienja u tletin metru kwadru (438 m.k.) u b'aċċess minn fuq proprjetà ta' terzi — **valur tlett elef tliet mitt ewro (€3,300)**;

   iii) l-art agrikola msejħa "Taċ-Ċnus" fil-limiti Ta' Kerċem, Għawdex, tal-kejl ta' circa seba' mija u tnejn u għoxrin metru kwadru (722 m.k.) li tinsab qrib porzjon oħra "Taċ-Ċnus" msemmija supra u b'aċċess minn fuq proprjetà ta' terzi b'tolleranza — **valur ħamest elef ħames mitt ewo (€5,500)**;

2. Tilqa' it-tieni talba limitatament billi tillikwida:

   **a) l-assi partikolari ta' Giorgio Formosa bħala:**

   i) l-art agrikola msejħa "Tat-Tenewt" fil-limiti Ta' Kerċem, Għawdex, tal-kejl ta' circa tliet mija u

tmienja u għoxrin metru kwadru (328 m.k.), tmiss mas-Sqaq tal-Wardija li huwa wiesa' madwar tnejn punt erbgħa żero metru (2.40m) u jipprovdi aċċess komdu – **valur tlett elef ħames mitt ewro (€3,500)**;

ii) l-art agrikola msejħa "Ta' Masika" fil-limiti Ta' Kerċem, Għawdex, tal-kejl ta' circa mitejn u seba' metri kwadri (207 m.k.), li għandha aċċess bir-riġel minn passaġġ wiesa' madwar metru li jisbokka fi triq pubblika – **valur elf seba' mija u ħamsin ewro (€1,750)**;

iii) l-art agrikola msejħa "Ta' Masika" fil-limiti Ta' Kerċem, Għawdex, tal-kejl ta' circa mija u sittax-il metru kwadru (116 m.k.), li għandha aċċess bir-riġel minn fuq proprjetà ta' terzi u b'bir ta' użu komuni ta' madwar tliet metri (3m) fond liema bir, skont il-konvenuti, ma jżommx ilma – **valur elf ewro (€1,000)**;

b) **l-assi partikolari ta' Carmela Formosa bħala**:

i) L-art agrikola msejħa "Ta' Xellul" fil-limiti Ta' Kerċem, Għawdex, tal-kejl ta' circa mitejn u ħamsa u ħamsin metru kwadru (255 m.k.) li għandha aċċess bir-riġel minn sqaq u hija soġġetta għad-dritt ta' passaġġ ta' terzi – **valur elf tmien mitt ewro (€1,800)**;

In kwantu għat-talba fl-ewwel u t-tieni talbiet sabiex din il-Qorti taqsam l-assi msemmija fi tmien (8) porzjonijiet ugwali din il-Qorti tiċħad tali talba u tiddikjara li l-assi immobbli msemmija mhumiex komodament diviżibbli bejn il-kontendenti.

3) Tilqa' t-tielet talba u tordna li l-beni immobbli kollha minn (i) sa (vii) elekati *supra* jiġu mibjugħa b'liċitazzjoni bl-ammissjoni ta' oblaturi estranei sabiex ir-rikavat jinqasam bejn il-kontendenti fi kwoti ugwali jiġifieri kull parti fil-kawża jmissha sehem minn tmienja tar-rikavat (1/8);

   Għall-fini ta' valutazzjoni, il-prezz tal-bejgħ b'liċitazzjoni għandu jibda mill-istejjem li saru mill-Perit maħtur mill-Qorti fir-rapport tiegħu;

4) Tiċħad ir-raba', il-ħames u s-sitt talbiet.

L-ispejjeż ta' din il-kawża għandhom jinqasmu bejn il-partijiet ugwalment.

(ft) Dr Brigitte Sultana
Maġistrat

(ft) John Vella
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur